# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 838 April 2002



## Kristu ħaj fostna llum

This book / booklet was donated to the Gozo Cathedral Library by JOE BUGEJA during..............2008
GAD 133602

# IL-MISTERU TA' L-GĦID



Katekesi
Biblika
Liturġika
Spiritwali
minn
Angelo Xuereb

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

## IL-MISTERU TA' L-GĦID

"Dan hu ktieb għani b'tagħrif dwar il-Misteru tal-Għid li hu l-misteru tal-fidwa tagħna, anzi tar-reliġjon tagħna. L-awtur ma qagħadx ifittex ilibbes it-tagħrif li tana b'apparati xjentifiċi li bosta drabi itaqqlu l-qari, jgħejju l-moħħ u jdejqu lill-qarrej. Ġabar it-tagħrif kollu essenzjali u qiegħdu quddiem il-qarrej bi kliem ħafif kif jixtieq jisma' l-poplu, b'mod li jibqa' jaqra bla ma jiddejjaq."

- P. Guido Schembri ofm, fil-"Preżentazzjoni"

Dan huwa s-sitt volum fis-sensiela popolari
**"Għejun ta' Katekesi"**
Il-ħames volumi l-oħra li ġa ħarġu huma dawn:



Sintesi ta' l-Istorja Biblika
b'riflessjonijiet minn
P. Guido Schembri ofm.



Sintesi ta' l-Istorja tal-Knisja
b'riflessjonijiet minn
Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi



Tagħrif Storiku u Riflessjonijiet
tal-Ġublew 2000 minn
Mons. Salv Borg



Katekesi dwar
is-Sagrifiċċju Ewkaristiku minn
Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi



Katekesi dwar
is-Seba' Sagramenti minn
P. Guido Schembri ofm.

Kollha jinbiegħu
għall-prezz ta'
Lm 1.50

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu –
Il-Kastellan ta' Daħlet Qorrot • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Kristu Ħaj Fostna Illum • 12
Tifkiriet u drawwiet Għawdxin marbutin
mal-Għid ta' Dari • 18
Il-Mulej Qam Tassew u bil-Provi • 20
Bookmark • 22
Mill-Knisja fid-Dinja • 23
Tifsir fuq it-tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (7) • 24
Poeżija - Tama • 28
Madre Margerita De Brincat • 29
Drawwiet Missirijietna –
Il-Biedja f'Għawdex (5) • 30
Wirt Għiritna –
Il-Mużew tal-Istorja Naturali (6) • 34
It-Theddida ta' l-Aids • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42



IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 838**

**Maħruġa mid-
Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Marzu 2002.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
L-Għid il-Kbir fiż-Żebbuġ
*(ara l-intervista f'paġni 12-17)*


# EDITORJAL



## Kemm aħna ġenwini?

Wieħed filosofu Taljan, ftit tax-xhur ilu, qal waqt programm televiżiv li meta tħares madwarek fid-dinja tal-lum tara qawmien reliġjuż qawwi. Il-bniedem qed iħoss il-bżonn t'Alla u tar-reliġjon. Huwa wera dan billi semma l-folol enormi li jiġru wara l-Papa kull fejn imur. Dan għaliex l-Papa huwa l-kap ta' reliġjon kbira. Semma ukoll il-fundamentaliżmu iżlamiku li tant qabad għeruq fid-dinja iżlamika u f'ċerti pajjiżi iżlamiċi tant għandu individwi lesti jagħtu ħajjithom għall- "*Giħad*" jiġifieri gwerra qaddisa. Anki reliġjonijiet oħra, bħall-Ġudajiżmu u l-Buddiżmu għandhom ħafna membri mħeġġin. Barra minn hekk wieħed josserva li programmi televiżivi b'doża ta' spiritwalita' qed jiġbdu dejjem aktar nies.

F'pajjiżna ukoll insibu ċertu qawmien reliġjuż permezz ta' movimenti ġodda li jħeġġu għat-tagħlim u għat-talb kull ġimgħa, filwaqt li programmi reliġjużi bħal "Erġa lura" u "Kurrenti" saru ferm popolari fost it-telespettaturi.

Dan il-qawmien reliġjuż jimpressjonak, imma wieħed irid joqgħod attent għaliex xi uħud tbiegħdu ferm 'l bogħod mir-reliġjon li ħaddnu. Il-fundamentaliżmu iżlamiku vjolenti huwa 'l bogħod mir-reliġjon iżlamika ġenwina li għandha messaġġ ta' paċi u mhux ta' vjolenza. Anki bosta nsara li jiġru wara l-Papa u jiċċelebraw il-festi kif nafuhom aħna, ma nistgħux ngħidu li huma tassew ġenwini. Kif tista ssejħilhom nsara ġenwini dawk li tarahom f'kull festa li jkun hemm, imbagħad issibhom b'familja mkissra bil-firda? Kif nistgħu niftaħru b'soċjeta' kattolika qawwija, meta l-għadd ta' żwiġijiet imkissra qed jikber kuljum? Biex ma nsemmux il-piki u fanatiżmi li jiddominaw il-festi tagħna! Din reliġjożità ġenwina?!

Wasal iż-żmien li nirsistu iktar fuq il-kwalità ta' reliġjon. Iż-żmien ta' l-Għid huwa żmien tajjeb biex niftakru fil-valuri eterni li Kristu Rxoxt iħabbrilna, kull meta fix-xhur li ġejjin niċċelebraw il-festi titulari b'tant ħeġġa u pompa. Jalla nkunu **tassew** reliġjużi!



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

Seminarista Victor Said

## Jum il-Morda

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Morda, il-Kummissjoni għall-Morda organizzat quddiesa għall-morda fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, nhar il-Ħadd 10 ta' Frar, fil-5.00 p.m. Mexxa Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi li fl-omelija tiegħu semma l-importanza tad-dedikazzjoni li għandu jkollhom dawk kollha li jaħdmu fil-qrib mal-morda. Id-Delegat ta' din il-Kummissjoni huwa Mons. Dun Ġorġ Grima.

## Il-Ġublew tad-Deheb ta' Mons. Isqof

Bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet li qegħdin isiru fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tal-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' l-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi, ġie organizzat pellegrinaġġ penitenzjali djoċesan. Dan il-pellegrinaġġ sar nhar il-Ġimgħa 15 ta' Frar u tmexxa mill-Vigarju Ġenerali Mons. Ġiovanni B. Gauci. Il-korteo telaq minn ħdejn is-siġra ta' Ta' Pinu għall-Bażilika Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, fejn saret konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof radd ħajr lil Alla għall-grazzji kollha li tah matul dawn il-ħamsin sena u rrefera wkoll għall-ħidma pastorali tiegħu kif ukoll għall-kollaborazzjoni tal-lajċi li qed tikkaratterizza dejjem aktar il-ministeru saċerdotali fil-Knisja Għawdxija.

## Żjajjar liż-Żgħażagħ Għawdxin

Matul il-ġimgħat tar-Randan, Mons. Isqof żar xi ċentri parrokkjali u postijiet oħrajn frekwentati miż-żgħażagħ sabiex ikun jista' jiltaqa' magħhom fi tmiem il-korsijiet ta' l-eżerċizzi li sarulhom. Huwa żar fost l-oħrajn iċ-Ċentru Parrokkjali tan-Nadur nhar il-Ħadd 17 ta' Frar fejn ukoll qaddes quddiesa. Fil-Fontana mar nhar is-26 ta' Frar, f'San Lawrenz nhar is-7 ta' Marzu, fl-Għarb fit-8 ta' Marzu, fil-Munxar nhar it-12 ta' Marzu, fix-Xewkija fit-13 ta' Marzu u ż-Żebbuġ fil-15 ta' Marzu.

## Żjajjar mill-Apostolat tal-Lajċi fil-Każini u ċ-Ċentri

Gruppi ta' rġiel mill-għaqdiet imseħbin minn saċerdoti, matul il-ġranet tar-Randan, żaru l-ħwienet u l-każini biex jiltaqgħu ma' rġiel oħra u jkellmuhom dwar xi suġġetti reliġjużi. Dawn iż-żjajjar huma organizzati mill-KDAL. Il-membri li jieħdu sehem f'dawn iż-żjajjar attendew għal quddiesa ċelebrata mill-Isqof fil-Kappella ta' Fuq fis-Seminarju. Din saret b'suffraġġju ta' Joseph Curmi, leġjunarju minn Għajnsielem residenti fil-parroċċa ta' Sannat, li tant kien jaħdem f'dan l-appostolat, u li miet fl-età ta' 52 sena fil-11 ta' Diċembru 2001.

## Tqassim tal-Bibbja lill-Istudenti

Kopji tal-Bibbja ġew imqassma lill-istudenti li jattendu fl-Iskola Ġan Piet Agius De Soldanis, nhar il-Ħamis 28 ta' Frar, fejn wara Mons. Isqof kellu wkoll laqgħa ma' l-għalliema. Kopji oħra tal-Bibbja ingħataw lill-istudenti tal-Form I ta' l-Iskola Ninu Cremona, Victoria, nhar l-4 ta' Marzu.

## Żjajjar ta' l-Isqof fil-Parroċċi

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li qegħdin isiru fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tal-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' l-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi, l-Isqof qed iżur il-parroċċi waħda waħda u qed imexxi siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat flimkien mal-kleru u l-poplu tal-parroċċa. Għal din is-siegħa adorazzjoni qed ikunu mistiedna wkoll il-ġenituri tat-tfal li din is-sena se jirċievu l-ewwel tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. L-Isqof diġà żar il-parroċċa ta' San Lawrenz fl-1 ta' Marzu, fejn anke kkummenta l-*Via Crucis* kif ukoll il-parroċċa ta' Għajnsielem.

## Żjara min-Nunzju apostoliku l-ġdid

In-Nunzju Apostoliku l-ġdid għal Malta, l-E.T. Mons. Luigi Conti, għamel l-ewwel żjara tiegħu fid-djoċesi ta'



Għawdex nhar is-Sibt, 2 ta' Marzu 2002. Huwa għamel żjara ta' kortesija lil Mons. Isqof fil-Palazz Veskovili fi Triq ir-Repubblika, Victoria, u wara kellu pranzu mas-seminaristi u s-superjuri tas-Seminarju Maġġjuri, li għalih attenda wkoll Mons. Isqof. Fil-għaxija, mexxa quddiesa konċelebrata fil-Katidral ta' Għawdex, flimkien ma' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u s-saċerdoti u r-reliġjużi tad-djoċesi. Fl-omelija tiegħu Mons. Conti qal li xtaq isellem mhux biss lil dawk preżenti imma wkoll lill-komunità ekkleżjali Għawdxija kollha li qed tagħmel talb speċjali lil Alla għar-Ragħaj Spiritwali tad-djoċesi. Hu semma wkoll li f'din il-ġurnata kien qed jiċċelebra wkoll għeluq snienu u semma li din l-okkażjoni kienet waħda li tgħaqqad flimkien il-knejjes lokali li huma fdati lill-isqfijiet f'rabta mal-Knisja Universali mwaqqfa minn Kristu nnifsu fuq San Pietru u s-suċċessuri tiegħu.

## Jum l-Isqof





Fid-djoċesi ta' Għawdex, nhar it-3 ta' Marzu, ġie ċċelebrat Jum l-Isqof permezz ta' konċelebrazzjoni fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li tmexxiet minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Mons. Isqof beda l-omelija tiegħu billi rringrazzja lis-saċerdoti u l-ġemgħa preżenti talli ħadu sehem f'din il-quddiesa ta' radd il-ħajr f'għeluq snienu. Mons. Isqof irrefera wkoll għall-Evanġelju tas-Samaritana li nqara fil-quddiesa.

## Pellegrinaġġ Penitenzjali ta' San Girgor

Nhar is-Sibt 9 ta' Marzu 2002 fis-5.45 p.m. ġie organizzat pellegrinaġġ penitenzjali djoċesan immexxi mill-Vigarju Ġenerali Mons. Ġiovanni B. Gauci, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Girgor il-Kbir, Papa. Il-pellegrinaġġ beda fi Pjazza Salvatore Busuttil f'Ta' Kerċem u ntemm fil-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem fejn saret quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons. Isqof.

## L-Għaxar Anniversarju mit-Twaqqif tar-Radju tal-Knisja RTK

Sabiex jiġi mfakkar għeluq l-għaxar snin mill-bidu ta' Radju RTK, saret konċelebrazzjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fil-Konkatidral ta' San Ġwann nhar il-Ħamis14 ta' Marzu, li fiha ħadu sehem ukoll Mons. Luigi Conti, Nunzju Apostoliku għal Malta u l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi flimkien ma' għadd ta' saċerdoti.

## Mons. Isqof jiltaqa' ma' l-għarajjes tax-Xagħra

Mons. Isqof, fl-okkażjoni ta' l-eżerċizzi ta' l-għarajjes u l-kopji, li saru fil-Parroċċa tax-Xagħra, żar lill-istess għarajjes u tkellem dwar l-importanza ta' l-għaqda u l-fedeltà fil-ħajja miżżewġa. Din il-laqgħa saret il-Ġimgħa 15 ta' Marzu fl-aħħar jum ta' l-eżerċizzi li sarulhom.

## Quddiesa lill-Istudenti tas-Sitt Sena



Nhar il-Ġimgħa 15 ta' Marzu, Mons. Isqof qaddes quddiesa bl-omelija lill-istudenti tas-Sitt Sena ta' l-Iskola Sekondarja Sir Michelangelo Refalo, Victoria.

## Laqgħa għall-Irġiel f'Ta' Pinu

Bi preparazzjoni għall-Festa Liturġika tal-Patrijarka San Ġużepp saret laqgħa għall-irġiel kollha Għawdxin, li bdiet fis-6.00 p.m. b'ċelebrazzjoni penitenzjali tar-Randan u fiha sar ukoll il-qrar individwali. Fis-6.30 p.m. Mons. Isqof mexxa quddiesa konċelebrata. Mons. Isqof semma l-kobor tal-qaddis patrijarka li tiegħu l-Knisja kienet qed tiċċelebra l-festa. Semma wkoll ir-responsabiltà meħtieġa fil-ħajja Nisranija ta' l-irġiel miżżewwġa.



# X'ġara dan l-aħħar

Lelio Spiteri

## *Tisbiħ ta' toroq*

Il-Prim Ministru Dr Eddie Fenech Adami, is-Sibt 16 ta' Frar inawgura proġett ta' infrastruttura u tisbiħ tat-toroq John Gaspard, Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi fiż-żona magħrufa bħala Tas-Saqwi, żona li għalkemm hija xi ftit maqtugħa mill-kumplament tal-Fontana, tagħmel mal-konfini ta' Fontana. Sar il-bdil tas-servizzi ta' l-ilma, tqaxxir tat-toroq li wara ngħataw it-tarmak, bankina bil-*paving blocks*, għadd ta' fanali dekorattivi, qsari, bankijiet u tankijiet ta' l-iskart.





## *Ġemelaġġ ieħor*

Il-Kunsill Lokali taż- Żebbuġ beda t-trattattivi għal ġemelaġġ mal-Comune ta' Maletto fil-provinċja ta' Catania ġewwa Sqallija. Bejn it-18 u t-23 ta' Frar is-Sindku Harry Debono flimkien mal-viċi sindku Joe Bajada għamlu żjara f'Maletto biex isiru aktar familjari mal-post imsemmi. Huma għamlu l-proposti tagħhom biex jiġu studjati mill-Kunsill Komunali ta' Maletto. Dawn il-proposti ser ikunu ratifikati f'April meta s-Sindku ta' Maletto Nunzio Giovanni Parrinello ser iżur iż-Żebbuġ. Iż-żjara tas-Sindku u l-Viċi taż-Żebbuġ ingħatat prominenza fuq l-istazzjon televiżiv *Telecolor* u mill-ġurnal *La Sicilia*.

## *Esebizzjoni*



Madwar 75 esebitur urew ix-xogħlijiet tagħhom fil-Wirja Tradizzjonali tar-Randan li ttellgħet fis-Sala tal-Wirjiet fi Pjazza San Franġisk Victoria mit-23 ta' Frar sat-3 ta' Marzu. Din il-wirja ttellgħet mill-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira, Għawdex. Esebiti kien hemm statwetti ta' profeti, personaġġi mill-Bibbja u statwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-wirja nfetħet uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u tbierket mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi Għawdxija l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci.

## *Inawgurazzjoni ta' Ġnien fix-Xewkija*



Il-Ħadd 24 ta' Frar ġie inawgurat il-*playing field* il-ġdid fl-inħawi Ta' Ġokk fix-Xewkija. Il-ġnien kien inawgurat mill-Ministru għal Għawdex u mis-Sindku Mario Camilleri. Dan il-ġnien issemma *Ġnien Castelvenere* għall-fatt li dan huwa l-isem ta' raħal fl-Italja li miegħu l-Kunsill Lokali tax-Xewkija għadu kif iffirma l-ġemellaġġ is-Sibt 16 ta' Frar. Min-naħa tagħhom il-*Comune di Castelvenere* inawgura ċentru kbir li ngħata l-isem ta' *Centro Xewkija*. Dan ġie nnawgurat mis-Sindku Mario Scetta u mis-Sindku tal-lokalità tax-Xewkija Mario Camilleri. Waqt din iċ-ċerimonja taw sehemhom studenti mill-iskola tad-Drama tan-Nadur. Studenti mill-iskola primarja Rosa Magro qraw poeżiji dwar in-natura. Il-ġnien tbierek mill-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca.

## *Xogħol ta' Immodernizzar fl-Isptar*



Il-Ministru għal Għawdex it-Tlieta 26 ta' Frar żaret l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn bħalissa għaddej xogħol relatat mat-tkabbir u l-immodernizzar tas-swali fejn pazjenti anzjani nisa jinżammu rikoverati kif ukoll xogħol ieħor li għandu x'jaqsam mad-Dipartiment ta' l-Emerġenza. Is-swali ta' l-anzjani nisa ser ikunu jistgħu jakkomodaw 21 pazjenta oħra. Preżenti kien hemm ukoll is-superintendent mediku ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex Dr. Anthony Livori.



## *Rinovazzjoni*

Is-Sibt 2 ta' Marzu saret iċ-ċerimonja tal-kxif tal-lapida kommemorattiva li tfakkar ir-rinovazzjoni tal-*Playing Field* ġewwa Għajnsielem. Dan il-lok ingħata dehra ġdida mill-Kunsill Lokali ta' din il-lokalità. Matul il-programm qasir li ttella' għal din l-okkażjoni kien hemm żfin mill-istudenti li jattendu l-iskola tad-drama fin-Nadur, messaġġ minn Riana Xuereb u t-tnedija tal-ktieb ġdid dwar Għajnsielem mill-awtur tal-ktieb innifsu Rev. Dr. Joseph Bezzina. Il-ktieb iġib it-titlu *Għajnsielem -Gateway to Gozo*. Saru diskorsi qosra mill-Ministru għal Għawdex u mis-Sindku Francis Cauchi. L-Arċipriet Zerafa bierek il-lapida kommemorattiva.



## *Uffiċċji Ġodda tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija*

Il-Ministru għal Għawdex il-Ħadd 3 ta' Marzu fetħet uffiċjalment uffiċċji ġodda tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija li jinsabu fi Triq Torri Tingi sabiex minnhom il-Kunsill jkun jista' jkompli bil-ħidma tiegħu favur dan ir-raħal. L-uffiċini tbierku mill-Arċipriet tal-parroċċa Mons. Carmelo Mercieca.



## *Identità bl-Arti*

L-artist John L Grima tella' wirja tax-xogħlijiet tiegħu fis-Sala ta' l-Esebizzjonijiet Pjazza San Franġisk, Victoria, bl-isem ta' *Facets of Identity*. Din il-wirja fetħet fid-9 ta' Marzu sa l-aħħar ta' Marzu. Din l-esebizzjoni ser tittella' wkoll f'*Hotel de Ville* ġewwa Pariġi fi Franza fl-ewwel ġimgħa ta' April.

## *"Salvazzjoni" - Dramm f'Għajnsielem*

Dan id-dramm f'żewġ atti ttella' fil-knisja arċipretali ta' Għajnsielem it-Tnejn u t-Tlieta 18 u 19 ta' Marzu. Dan id-dramm kellu kitba ta' Joanne Debrincat u ttella' mill-Għaqda Drammatika Għajnsielem.

## *"Min hu dan?" - Musical f'San Lawrenz*

Dan il-*musical* oriġinali ttella' mill-Għaqda Drammatika San Lawrenz, it-Tlieta 26 ta' Marzu. Il-musical kien dwar il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, b'mużika ta' Pamela Bezzina flimkien ma' Daniel Borg u versi ta' l-istess Daniel Borg u Fr Gerard Buhagiar. Il-musical ittella' fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' San Lawrenz.

## *Kunċert Klassiku fil-Katidral*

Il-Parroċċa tal-Katidral bil-kortesija tal-Kapitlu Katidrali u bil-kollaborazzjoni tas-Soċjetà Filarmonika Leone organizzat kunċert ta' mużika sagra fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa t-Tlieta 26 ta' Marzu. Dan il-kunċert kien taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi bil-parteċipazzjoni tal-Banda *Cittadina Leone*, tal-kor *Chorus Ecclesiae Cathedralis* u tal-Kor *Fjur t'Assisi*. Dan inżamm fil-Knisja Katidrali.

## *Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2002*

Dawn inżammu f'erba' lokalitajiet Għawdxin nhar id-9 ta' Marzu, eżattament f'Għajnsielem, f'l-Għasri, fin-Nadur u fix-Xewkija. Fil-Fontana ma saritx elezzjoni għall-fatt li n-numru ta' kandidati kien daqs il-kunsilliera meħtieġa biex jiffurmaw il-Kunsill Lokali ta' din il-lokalità.

Din hija l-lista tal-kandidati eletti li ser jiffurmaw il-Kunsilli Lokali f'dawn il-ħames lokalitajiet.

(ikomplu f'paġna 26)

### *FONTANA*



Anthony Cassar (MLP)



Edwin Borg (PN)



Saviour Borg (PN)



Valentino Cassar (PN)



Maria Schembri (PN)

Għawdex 300 sena ilu
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 104
Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2001

# *IL-KASTELLAN TA' DAĦLET QORROT*

Id-dokument numru mija u erbgħa li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar il-ħlas tal-paga tal-Kastellan tat-torri ta' Daħlet Qorrot nhar it-30 ta' April, 1702. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1701–1702), folju 27r (NAG, UG, *Acta*, 9/1701–1702, f. 27r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni tad-dokument:

**Michele Agius, Tesoriero di questa Università del Gozzo, pagerete a Mastro Gio Marija Gafà, Castellano della Torre Dahlet Qorrot Scudi quattordici di moneta se gli devono; cioè Scudi dodici per suo salario di mesi quattro incominciati il primo Gennaro primo passato da firirsi l'ultimo istante, in ragione di Scudi trenta sei l'anno e Scudi due per il provista di tant'oglio consumato in tutto l'anno nella garita di detto torre. Gli da dett'Università per suo trattenimento di che tirando nostra cautela ponerete nei detti conti li 30 et ultimo aprile 1702.**

It-torri ta' Daħlet Qorrot kien oriġinarjament magħruf bħala t-*Torre Nuova* jew it-Torri l-ġdid. Kien l-aħħar wieħed li nbena fuq il-kosta ta' Għawdex. In-Nadurin isibuh l-iktar bħala t-Torri ta' Sopu, u fil-fatt, in-naħa ta' San Blas, hemm triq imsemmija hekk. Fid-dokumenti ġie li ssejjaħ ukoll bħala t-Torri ta' San Blas, kif ukoll it-Torri ta' l-Irdum il-Kbir.

It-Torri jinsab sewwa sew fuq il-ġebel tal-Mistra, 122 metru jew 400 pied fuq livell baħar. Il-bajja ta' San Blas qiegħda fil-punent tiegħu u dik ta' Daħlet Qorrot fil-lvant. Mill-pożizzjoni tiegħu jikkontrolla tajjeb ħafna d-daħla min-naħa tal-lvant tal-fliegu ta' Għawdex. Minn fuq it-terrazzin setgħu u, fil-fatt kienu jsiru, kommunikazzjonijiet ma' torrijiet f'Malta u anki ma' bċejjeċ tal-baħar li kienu jinsertaw għaddejja fil-qrib. Kien infatti importanti l-iktar bħala stazzjon għas-sinjali.

Il-pożizzjoni tiegħu tagħmlu kemm xejn dgħajjef għad-difiża. Imħabba li jinsab bogħod mhux ħażin mill-kosta, id-distanza bejnu u bejn il-baħar inaqsu bis-sħiħ l-effett ta' l-isparar mill-artillerija.

It-torri nbena mill-fondi ta' Università ta' Għawdex fl-1667. Il-binja hi kemmxejn differenti mit-torrijiet l-oħrajn. Fuq il-faċċata li tħares lejn l-art kellu erba' armi, id-doppju ta' torrijiet oħra. Dawn illum spiċċaw mikulin mir-raxx tal-baħar u mill-vandaliżmu. Il-Granmastru Nikol Cottoner żar it-torri fid-19 ta' April, 1670, u sab li kien għadu mingħajr artillerija. Lura Malta ta ordni biex ikun armat minnufih iżda Fra Jean Jacques de Verdelin, Kmandant ta' l-Artillerija, għarrfu li billi la kien proprjetà ta' l-Ordni, u lanqas kien taħt il-kontroll amministrattiv tagħha, ma seta' jagħmel xejn. Iżda fit-22 ta' Ottubru, 1671, wara ordni tal-Granmastru saret eċċezzjoni, u kien mgħammar b'żewġ kanuni mill-aqwa.

Il-Kastellan tat-Torri tliet mit sena ilu kien GioMaria Gafà u kellu paga ta' tnax-il skut kull erba' xhur (2.52 Euro) jew sitta u tletin skut fis-sena (7.56 Euro). Fil-ħlas imsemmi fuq ingħata żewġ skuti oħra (0.42 Euro) bħala ħlas ta' żejt li kien xtara biex jinxtegħel dawl fil-gardjola tat-torri.






## Isem lill-Isptar

Dan l-aħħar deħru numru ta' ittri fil-gurnali Maltin dwar x'għandu jissemma l-isptar il-ġdid f'Tal-Qroqq. Numru mhux ħażin ta' korrispondenti ssuġġerew l-isem ta' "Sptar Santa Marija". Jiena, dejjem fl-opinjoni personali tiegħi, nixtieq nesprimi ruħi li naqbel għal kollox ma' dan is-suġġeriment. Ġewwa l-belt kapitali ta' l-Ingilterra, Londra, ukoll hemm sptar famuż li jismu "*St. Mary's Hospital*". Issa Londra hija ċ-ċentru tal-knisja protestanta "*Church of England*", knisja li għalkemm ma tbarrix lill-Madonna għal kollox, fiha l-qima marjana hija ftit li xejn. Aħna l-Maltin magħrufin għad-devozzjoni marjana, u m'għandux jonqos minna li l-isptar il-ġdid jissemma għall-Verġni Mbierka.

Wieħed korrispondent għamel suġġeriment validu ħafna. Qal li hemm il-ħsieb li l-isptar il-ġdid ser ikun jilqa' ġo fih anki pazjenti ta' reliġjon musulmana. Issa aħna nafu kemm l-Għarab għandhom stima lejn Maria, omm il-profeta Ġesù. Fil-Koran, l-isem tal-Madonna hu msemmi aktar milli fil-Bibbja tagħna. Kif ikkonkluda dan il-korrispondent, jekk nadottaw l-isem ta' "*Sptar Sidtna Marija*", żgur li nkunu sibna punt ta' ekumeniżmu bejn il-kattoliċi u l-musulmani.

## Il-Knisja u l-www.

Illum il-ġurnata hawn min jinterpreta l-ordni li ta' Ġesù meta kkmanda lid-dixxipli biex 'ixandru l-evanġelju tiegħu minn fuq il-bjut, bħala mandat lill-Knisja tiegħu biex jinqdew b'kull mezz possibbli għall-evanġelizazzjoni. Fiż-żminijiet tagħna għandna l-mezzi tat-telekomunikazzjoni soċjali (stampa, radju, televiżjoni...). Ma' dawn illum irridu nżidu l-*internet*.

Il-preżenza tar-Reliġjon Kattolika fuq l-*internet* hija waħda enormi! Ittajpja l-kelma "*catholic*" fuq is-*search engine Google* (*www.google.com*) u arahom jitfaċċawlek 5 miljun riżultat. Biżżejjed insemmu dak li kiteb Br. John Raymon fil-ktieb tiegħu "*Catholics on the Internet*" (*Prima Publishing*), li ġie kalkolat li f'kull ħin tal-jum ikun hemm bejn 18 u 20 miljun ruħ *online*, ifittxu materjal reliġjuż u spiritwali.

Madankollu ma rridux ninsew ħaġa: L-*internet* mhix *user friendly*. Id-dilemma kbira li jkollu jiffaċċja dak l-individwu li jfittex materjal reliġjuż fuq l-*internet* mhix l-iskarsezza ta' l-informazjoni, imma l-preponderanza kbira li hemm.

Għall-qarrejja ta' din ir-rubrika nsemmi l-ewwel tliet *websites* ta' natura reliġjuża li ġew *top* fi stħarriġ li sar mill-magażin amerikan "*U.S. Catholic*":

*The Vatican - www.vatican.va*
*Sacred Space - www.jesuit.ie/prayer*
*St.Anthony Messenger - www.americancatholic.org*

U għal dawk li jħobbu jaqraw l-aħbarijiet mid-dinja kattolika nissuġġerilhom l-*Catholic World News - www.cwnews.com*

Ma ninsewx ukoll li ħafna parroċċi f'Malta u Għawdex għandhom il-*website* li l-indirizz tiegħu wieħed isibu fil-fuljett jew bullettin parrokkjali maħruġ mill-istess parroċċa.

## Stħarriġ dwar il-Festi Maltin

Is-soċjologu professur Mario Vassallo wettaq stħarriġ dwar l-ispiritwalità u sekularizazzjoni tal-festi parrokkjali f'raħal partikulari f'Malta. 35% biss ta' l-intervistati stqarrew li jagħtu xi importanza għall-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-parroċċa fil-jiem tal-festa. Il-baned issemmew minn 59.3%. 55.3% tar-rispondenti stqarrew li fil-festa jogħġobhom l-aktar it-tiżjin tat-toroq. L-għaqda u s-sens komunitarju ġie fit-tielet post: 43.7%.

Il-professur Vassallo staqsa wkoll jekk setgħetx issir festa mingħajr l-istatwa tal-qaddis. Ir-riżultat kien li mal-wieħed (u ftit) minn kull ħamsa kienu lesti li jiċċelebraw il-festa mingħajr l-istatwa. L-oħrajn, mas-77% ma kienux lesti li jiċċelebraw il-festa bla statwa.

L-istħarriġ wera wkoll li 73.8% ppartecipaw fil-festi esterni, filwaqt li 59.2% attendew għal xi



funzjonijiet tal-knisja fil-jiem tal-festa. Minn dan l-istħarriġ ħarġet wisq aktar informazzjoni mill-ftit li neċessarjament qed nikteb jien. Min irid aktar dettalji jista' jikkonsulta l-artiklu ta' Stefan Cachia fil-*Ġens* tas-26 ta' Jannar 2002.

## Il-Mitħna ta' taħt l-art fix-Xlendi

Ix-Xlendi huwa wieħed mill-aktar postijiet turistiċi li għandna f'Għawdex. Però, ħafna jsostnu li l-attrazzjoni tax-Xendi, tinsab biss fis-sbuħija xenika tal-bajja, daħla dejqa ta' baħar imdawwra bi blat pjuttost għoli fuq iż-żewġ naħat tad-daħla. Fil-verità sa issa ma kien hemm l-ebda attrazzjoni turistika ta' natura storika u kulturali.

Il-Kunsill Lokali tal-Munxar, li hu responsabbli mill-bajja tax-Xlendi mhux kuntent b'din il-fama negattiva li għandu x-Xlendi, u esplora l-possibiltà li jsib xi ħaġa ta' natura storika. Ma damx ma sab lokal, jew aħjar kumpless, imħaffer fil-blat qrib ħafna tal-knisja tal-Karmnu. Il-Kunsill qed igħid li dan il-kumpless huwa 'wirt storiku'.

F'hiex jikkonsisti l-kumpless imħaffer fil-blat? Il-ħsieb ta' l-awtoritajiet inglizi li ħaffru l-kumpless kien li jkun hemm mitħna tal-qamħ mkenna taħt il-blat f'każ ta' attakki mill-ajru. Il-kumpless huwa kbir biżżejjed li trakkijiet setgħu jidħlu sa ħdejn il-mitħna u anki jduru hemmhekk meta jkunu jridu jerġgħu joħorġu. L-apparat tal-mitħna kien ġie ordnat mingħand ditta fl-Ingilterra. Fil-lokal insibu wkoll magna ta' 80h.p. li tista' tħaddem żewġ *a.c.generators* biex jissupplixxu l-elettriku li jkun hemm bżonn. Il-kumpless ta' din il-mitħna jinkludi wkoll żewġ *silos* miksija bil-konkrit li jesgħu 1000 tunnellata qamħ.

Nisperaw li l-idea tal-Kunsill Lokali tal-Munxar li dan il-post jinfetaħ għat-turisti, issir realtà f'qasir żmien.

## Il-"*Good Turn*" ta' l-Iscouts

Nixtieq minn din ir-rubrika ngħid kelma ta' tifħir lill-grupp ta' l-*iscouts* ta' Victoria. Dan il-grupp ta' kull sena jagħżel xi organizazzjoni tal-volontarjat (N.G.O.) biex fi ħdanha jiddedika numru ta' siegħat ta' xogħol b'risq l-istess organizazzjoni.



Din is-sena, fost l-N.G.O's mgħejjuna, l-*iscouts* ħadmu għal numru ta' siegħat mhux ħażin f'librerija pubblika tal-Knisja. In-numru ta' l-*iscouts* kbar (*venture scouts*) li ħadmu f'din il-librerija kien mat-tletin. Mhux biss il-kbar għamlu xogħol siewi fil-librerija, imma anki ż-żgħar (*cub scouts*) wettqu ħafna xogħol li kien adattat għalihom. Fin-numru, dawn il-*cubs* kienu madwar ħamsa u għoxrin.

Prosit tassew lil dawn l-*iscouts*, speċjalment lil-*leaders*, li mhux biss organizzaw il-ħdima imma qagħdu magħhom u għenu huma wkoll biex ix-xogħol isir bil-perfezzjoni.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau,
Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Sqr.,
Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277

L-INTERVISTA

# Kristu Ħaj Fostna Llum

DUN EDDIE ZAMMIT JINTERVISTA LILL-KAN. NOEL SALIBA, ARĊIPRIET TAŻ-ŻEBBUĠ, DWAR IL-FESTI TAL-ĠIMGĦA MQADDSA U L-GĦID IL-KBIR.

**1. *Qegħdin fiż-żmien tal-Għid. Għaliex il-Knisja tagħti daqshekk importanza lil din il-festa? X'inhuma t-tħejjijiet li saru fil-parroċċa tiegħek qabel l-Għid?***

Il-Festa tal-Għid hija l-ikbar festa fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja, għax kif igħid San Pawl: "*Kieku Kristu ma qamx mill-mewt, fiergħa kienet tkun il-fidi tagħna*". Il-Festa tal-Għid hija l-festa li tfakkarna f'diversi bidliet: Kristu għadda mill-mewt għall-ħajja; il-ħajja tad-dnub intrebħet bil-ħajja tal-grazzja; dak li x-xitan kien rebaħ meta Adam u Eva waqgħu fid-dnub, Kristu rnexxielu jirbħu lura bil-passjoni, bil-mewt u l-qawmien tiegħu. Il-Festa tal-Għid, u naturalment f'rabta mal-preparazzjoni li ssir matul ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa, hija l-Festa li ġġib magħha bidla essenzjali fil-ħajja tal-komunità parrokkjali. Għalkemm fir-Randan, fil-Ġimgħa Mqaddsa u fl-Għid isiru attivitajiet esterni u ċelebrattivi, imma dawn kollha huma ndirizzati biex iwasslu għal dik il-bidla li sseħħ bi Kristu Rxoxt fil-ħajja personali tal-membri tal-Komunità Parrokkjali. Il-Festa tal-Għid, ħafna iktar mill-Festa Titulari tal-Parroċċa, hija festa strettament spiritwali u għandha valur pastorali kbir.



It-tħejjija tal-Festa tal-Għid prinċipalment tikkonsisti fl-attivitajiet tar-Randan. Fil-Parroċċa tagħna r-Randan niċċelebrawh fuq livell djoċesan, fuq livell żonali u fuq livell parrokkjali. Fuq livell djoċesan nieħdu sehem fil-pellegrinaġġ li jsir fl-ewwel ġimgħa tar-Randan għas-Santwarju ta' Pinu u fil-*Via Sagra* fuq l-Għolja t'Għammar li ssir f'waħda mill-erbgħat tar-Randan. Barra minn hekk, iż-Żebbuġ jifforma parti miż-żona Pastorali B li tinkludi wkoll il-parroċċi tal-Għasri, l-Għarb, San Lawrenz u Kerċem. Għalhekk fiż-żmien tar-Randan isir ukoll pellegrinaġġ fuq livell żonali għas-Santwarju ta' Pinu, fejn kulħadd jitlaq bil-mixi mill-parroċċa rispettiva tiegħu u mbagħad issir konċelebrazzjoni flimkien fis-Santwarju. Dan kollu biex nifhmu li l-bidla spiritwali għandna sseħħ fina fir-Randan, ma nistgħux naslu għaliha weħidna, imma wkoll flimkien mal-oħrajn.

Fuq livell parrokkjali nibdew bil-funzjoni tat-tqegħid tal-irmied f'Ras ir-Randan. Imbagħad kull nhar ta' Ġimgħa matul ir-Randan

issir *Via Sagra* fil-beraħ, f'żoni differenti tal-parroċċa, biex nilħqu t-triqat kollha tal-parroċċa u nidħlu fl-ispirtu tar-Randan. Bil-għajnuna ta' irġiel impenjati fl-Għaqdiet u ta' saċerdoti minn parroċċi oħrajn, norganizzaw ukoll konferenzi fil-ħwienet tax-xorb li għandna fir-raħal. Barra minn hekk, l-Eżerċizzi Spiritwali jingħataw importanza massima, u norganizzawhom b'mod li nilħqu l-kategoriji kollha tal-parroċċa u jsiru f'ħinijiet adattati għall-kategorija li tkun.

Fil-Ġimgħa Mqaddsa niċċelebraw żewġ ċelebrazzjonijiet penitenzjali: waħda għat-tfal, li fiha jagħmlu l-Ewwel Qrara dawk li jkunu ser jirċievu l Ewwel Tqarbina fil Festa tal-*Corpus* li tkun ġejja, u ċelebrazzjoni penitenzjali oħra li tkun miftuħa għal kulħadd.

Preparazzjonijiet oħra huma marbuta mal-purċissjonijiet tad-Duluri u tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-kategorija taż-żgħażagħ nilħquha billi jsir kors eżerċizzi apposta għalihom, norganizzaw ukoll is-Seba' Viżti apposta għaż-żgħażagħ f'Ħamis ix-Xirka, u kważi ż-żgħażagħ kollha jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Tajjeb li wieħed igħid li fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li ssir fiż-Żebbuġ Għawdex jieħdu sehem madwar 300 ruħ, li jfisser madwar persuna minn kull erbgħa li toqgħod fiż-Żebbuġ. Issir ukoll laqgħa ta' tħejjija spiritwali għal dawk li jkunu ser jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.



**2. *Fil-parroċċa taż-Żebbuġ isiru l-purċissjonijiet tad-Duluri, tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' l-Irxoxt. Kemm ilhom isiru dawn il-purċissjonijiet? X'valur reliġjuż tara fihom?***

Il-purċissjonijiet tad-Duluri u tal-Ġimgħa l-Kbira bdew isiru fiż-Żebbuġ fl-1919, meta l-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Anton Grima kien ikkummissjona lill-istatwarju Wistin Camilleri biex jagħmel sett vari tal-Ġimgħa l-Kbira, li llum għad fadal minnhom l-*Ecce Homo*, il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira, Kristu mejjet u d-Duluri. Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma baqgħetx issir meta fl-1936 beda t-tkabbir tal-knisja parrokkjali, tant li ħafna mill-istatwi li ma kienux miġbura fin-niċeċ tkissru u spiċċaw. Fl-1964 l-Arċipriet Dun Alwiġ Vella kkummissjona mill-ġdid lill-istatwarju Wistin Camilleri biex ikompli s-sett tal-vari u reġa' ta l-ħajja lil din il-purċissjoni. Fl-1968 saret il-vara tal-Aħħar Ċena li hija l-unika waħda fid-djoċesi t'Għawdex. Fl-1997 dawn il-vari sarulhom ħwejjeġ ġodda: tneħħew dawk tal-bellus u sar ilbies tan-newl fuq l-istil ta' kif kienu jilbsu fi żmien Kristu.





Il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt bdiet issir fiż-Żebbuġ fl-1989 meta l-Kanoniku Dun Karm Cini kkummissjona l-istatwa ta' Kristu Rxoxt lill-istatwarju Pawlu Aquilina, u rregala din l-istatwa lill-knisja taż-Żebbuġ f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

Dawn it-tliet purċissjonijiet għandhom valur reliġjuż partikolari marbut magħhom. Dik tad-Duluri taħbat fl-għeluq tal-Eżerċizzi Spiritwali u qabel tibda l-Ġimgħa l-Kbira. F'dawn l-aħħar ħames snin bdejna nieħdu l-istatwa tad-Duluri għand waħda mill-familji tal-parroċċa (kull sena f'żona differenti) fejn l-istatwa tkun esposta għall-pubbliku matul ġurnata sħiħa. Wara nofs in-nhar isir Korteo Penitenzjali bl-istatwa tad-Duluri merfugħa miż-żgħażagħ u bil-parteċipazzjoni ta' kulħadd mid-dar fejn tkun esposta l-istatwa tad-Duluri sal-knisja u hemm hekk issir konċelebrazzjoni. F'din l-okkażjoni jsir appell qawwi biex jekk jista' jkun fil-Ġimgħa Mqaddsa kulħadd jersaq għas-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin.

Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fiha valur reliġjuż kbir minħabba l-fatt li fiha jieħdu sehem uħud li matul is-sena ftit li xejn jieħdu sehem attiv f'attivitajiet reliġjużi organizzati mill-parroċċa. Naturalment din l-okkażjoni toffrilhom l-opportunità li jħossuhom huma wkoll parti essenzjali mill-Knisja u jersqu jisimgħu l-Kelma t'Alla u jersqu għas-Sagramenti.

Fil-purċissjoni tal-Irxoxt tingħata iktar attenzjoni mis-soltu ta' kif qegħdin ngħixu l-Magħmudija tagħna. Ninnutaw li f'dawn l-aħħar snin ħafna huma dawk li bdew jieħdu sehem fil-Vġili tal-Għid, forsi għaliex ftit ftit bdew jifhmu aħjar iċ-ċentralità ta' din iċ-ċelebrazzjoni fil-ħajja tan-nisrani. Lit-tfal tal-parroċċa ngħinuhom jidħlu iktar fl-ispirtu tal-ferħ tal-Għid billi f'dik l-okkażjoni nistednuhom jiġu jbierku l-figolla tal-Għid.

3. ***X'importanza tagħti lil-lajċi f'dawn l-attivitajiet li semmejna?***

Il-parti l-kbira tas-saċerdoti u r-reliġjużi żebbuġin qegħdin joffru ħidma f'diversi postijiet fid-dinja. Dan ikompli jsaħħaħ il-bżonn biex il-lajċi jagħtu iktar sehemhom biex ħafna attivitajiet neċessarji jsiru, u jsiru sew, fil-parroċċa. Iżda mhux biss.

Jiena nemmen li kull persuna, hi min hi, għandha kontribut uniku u rripetibbli x'toffri fil-ħajja komunitarja tal-parroċċa. Jiena dejjem infittex li l-lajċi jagħtu sehemhom mhux biss fuq il-livell tat-twettieq ta' deċiżjonijiet li jittieħdu, imma wkoll fit-tfassil ta' programmi pastorali u oħrajn li jsiru fil-parroċċa. Għalhekk daħħalna seminar li jsir qabel tibda s-Sena Pastorali u li għalih ikun mistieden kulħadd, ħalli kulħadd ikun jista' jsemma' leħnu u jkollu sehem attiv fit-tfassil tal-programm pastorali. Fil-kunsill parrokkjali huma l-lajċi li flimkien mal-Arċipriet jiddeċiedu dak li għandu jsir fil-parroċċa.

Il-biċċa l-kbira tal-Għaqdiet kemm reliġjużi kif ukoll dawk soċjo-kulturali huma mmexxija mil-lajċi, u dan minkejja li n-numru ta' *leaders* fiż-Żebbuġ huwa wieħed limitat ħafna. Ma nistax ma nsemmix li xi *leaders* lajċi jiġu wkoll minn parroċċi oħrajn biex imexxu l-laqgħat fil-parroċċa tagħna, u dawn qegħdin jagħtu kontribut siewi ħafna.

**4. *Fir-raħal taż-Żebbuġ għadek issib diversi tradizzjonijiet ħajjin marbutin maż-żmien tar-Randan u ta' l-Għid. X'tgħidilna dwar dan?***

Iż-Żebbuġ huwa wieħed mill-irħula antiki t'Għawdex, u għalhekk wieħed għadu jsib diversi tradizzjonijiet li għadhom ħajjin sal-lum.

Tradizzjoni li tinsab biss fiż-Żebbuġ hija *L-Għażżiela*, li hija galletta magħmulha mill-għaġina u fiha l-forma tal-isem tal-Madonna. Din l-għażżiela titbierek fil-festa tal-Isem tal-Madonna li ssir f'Settembru u mbagħad tiddendel fit-tieqa biex il-Madonna tħarisna mis-sajjetti. Din tissejjaħ għażżiela peress li aktarx il-Madonna, bħat-tfajliet ta' żmienha, kienet tagħżel it-tajjar u s-suf biex tagħmlu ħajt għall-insiġ. Fit-testment tal-ewwel Kappillan taż-Żebbuġ, Dun Franġisk Vella, liema testment kien sar fl-1737, insibu li dan il-Kappillan ħalla legat biex ikun jista' jinxtara d-dqiq għall-għażżiel.

Iżda fost it-tradizzjonijiet hemm ukoll uħud marbutin mal-festa tal-Għid. Mal-Għid, il-familji kollha jistennew it-tberik mill-Arċipriet bl-ilma mbierek ġdid fil-Vġili tal-Għid. Minkejja li matul is-sena nżur il-familji kollha tal-parroċċa diversi drabi, xorta waħda ż-Żebbuġin jistennew li fi żmien il-Għid tiltaqa' l-familja kollha biex isir it-tberik tal-familja. Xi tradizzjonijiet marbutin ma' din l-okkażjoni għadhom jeżistu: bħat-tindifa ġenerali tad-dar minn fuq s'isfel, tibjid u rranġar fejn ikun hemm bżonn, tibdil tal-purtieri, eċċ.

Tradizzjoni oħra hija li f'Sibt il-Għid isiru l-kagħak tal-għasel u l-qassatat tal-ġobon u l-ful aħdar. Sa ftit snin ilu, meta kien għad hawn il-fran fiż-Żebbuġ, in-nisa kien ikollhom jibbukkjaw il-forn biex isajru l-mijiet ta' qagħaq u qassatat li kienu jagħmlu.

**5. *Fl-organizazzjoni ta' dawn il-festi għandhom sehem importanti l-Għaqdiet Reliġjużi u soċjali preżenti fir-raħal. Kif tħares lejn il-kontribut tagħhom? Kif jistgħu l-għaqdiet reliġjużi u l-għaqdiet soċjo-kulturali jaħdmu flimkien biex jintlaħqu għanijiet komuni?***

Fil-Festi tal-Għid, peress li jinvolvu ħafna nies u ħafna organizzazzjoni, l-għaqdiet kollha, kemm reliġjużi u kemm soċjo-kulturali, jagħtu sehemhom u jippartecipaw. Fiż-Żebbuġ insibu erba' Għaqdiet Reliġjużi tal-Lajċi: l-Azzjoni Kattolika li għandha erba' ċirkoli, il-Leġjun ta' Marija li għandu ħames *praesidia*, il-qasam tal-Museum tas-Subien, u l-Grupp Karizmatiku l-*Għolja ta' Sijon*.







Barra minn dawn, insibu wkoll diversi Għaqdiet Soċjo-Kulturali li jinkludu l-Banda Santa Marija, il-klabb tal-futbol taż-*Żebbuġ Rovers*, l-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Festa, l-Għaqda Żgħażagħ tal-Armar, l-Orkestra tal-Parroċċa, il-Kor Santa Marija ta' l-adulti, il-Kor *Regina Angelorum* tat-tfal, u l-grupp tal-kitarri.

Il-kontribut ta' kull għaqda huwa importanti ferm biex il-parroċċa tkun waħda ħajja. Jiena naraha impossibbli li parroċċa taħdem mingħajr is-sehem tal-Għaqdiet Reliġjużi u Soċjo-kulturali. Biss, jiena ninsisti ħafna li biex l-għaqdiet jilħqu l-għan tagħhom iridu jaħdmu u jikkoperaw flimkien, waqt li jkunu qegħdin iwettqu l-programm partikolari tagħhom. Ħaġa oħra li spiss nisħaq fuqha hija li biex il-membri tal-Għaqdiet Soċjo-Kulturali jkunu ta' ġid għall-parroċċa kollha, jekk jista' jkun għandhom ifittxu li jiksbu formazzjoni nisranija kontinwata fl-Għaqdiet Reliġjużi. Sibnieha ta' għajnuna kbira l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanza minn kull għaqda fil-Kunsill Pastorali, fejn kull għaqda ssir taf x'inhuma l-eżiġenzi ta' kull nukleju li jopera fil-parroċċa u kif wieħed jista' jwettaq ħidma utli fil-komunità mingħajr ma jirfes kallijiet, u fl-istess waqt jintlaħqu riżultati aqwa u aħjar.

6. ***Żmien ir-Randan ifakkarna wkoll fl-importanza tal-karità mal-proxxmu tagħna. X'importanza tingħata lil dan l-aspett tal-pastorali fil-ħajja tal-parroċċa tiegħek?***

Aspett ieħor li nagħtuh importanza kbira matul is-sena kollha imma li jilħaq il-qofol tiegħu fit-tħejjija tal-Għid, hija l-karità u l-attenzjoni lill-persuni dgħajfa tas-soċjetà. Kull sena norganizzaw ikla għall-persuni b'diżabilità, ċelebrazzjoni għall-morda u l-anzjani fil-knisja fil-jiem tal-festa, żjajar lill-morda fl-isptar u fi djarhom, ġbir ta' fondi għall-karità, speċjalment bl-għajnuna tal-għaqda Qlub Ġenerużi, eċċ. Kull sena fir-Randan nagħżlu lil min ser ngħinu bil-karità. Per eżempju din is-sena għażilna li ngħinu lir-*Respite Centre* t'Għajnsielem. Barra minn hekk, f'kull Randan isir ġbir għas-Seminarju t'Għawdex, għall-missjunarji Żebbuġin li qegħdin jaħdmu f'postijiet oħra, għall-persuni jew familji fil-bżonn mill-parroċċa tagħna, u bl-għajnuna tal-membri tal-Kumitat tal-Banda nżuru l-morda u l-anzjani tal-parroċċa u nwasslulhom tifkira żgħira flimkien mal-awguri tal-Għid.

7. ***Żmien l-Għid hu żmien it-tama u l-kuraġġ għax Kristu qam rebbieħ. X'ħin tħares lejn il-ħajja tal-parroċċa tiegħek, fejn tħoss l-aktar preżenti dawn is-sinjali ta' tama u kuraġġ?***

Meta nħares lejn il-parroċċa taż-Żebbuġ insib diversi sinjali li jimlewni bit-tama u l-kuraġġ, u hemm ninduna li ħafna Żebbuġin qegħdin igħixu l-kariżma tal-Għid matul is-sena kollha.

Wieħed minn dawn is-sinjali li jimlewni bil-kuraġġ huwa n-numru ta' vokazzjonijiet li ħarġu minn din il-parroċċa. Fil-preżent insibu żewġ saċerdoti djoċesani li qegħdin jaħdmu fl-Istati Uniti,





saċerdot djoċesan ieħor fl-Ingilterra, u ieħor fl-Italja. Insibu wkoll erba' żgħażagħ li ngħaqdu mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (wieħed minnhom qiegħed iwettaq xogħol pastorali fil-Perù, tnejn minnhom qegħdin f'Malta u ieħor li ser jiġi ordnat saċerdot f'din is-sena, bħalissa qiegħed itemm kors ta' sentejn studju fil-Kanada). Għandna wkoll soru franġiskana li qegħda taħdem fil-Kenja u soru benedittina tal-klawsura li qegħda l-Birgu f'Malta. Barra minn dawn għandna saċerdot djoċesan li qiegħed iservi fil-Katidral t'Għawdex u tliet saċerdoti djoċesani oħra li qegħdin iservu fil-parroċċa tagħna. Mhux ta' min jittraskura l-fatt li bħalissa għandna numru sabiħ ta' abbatini li bl-għajnuna tas-saċerdoti, tas-seminaristi u ta' l-istess ġenituri tagħhom, jistgħu jkunu mixtla fertili ħafna fejn jinbtu u jikbru vokazzjonijiet ġodda.

Sinjal ieħor li jimlieni b'tama u kuraġġ huwa n-numru mdaqqas ta' volontiera li joffru ħafna minn ħinhom regolarment kemm fil-katekeżi, fil-liturġija (bħala letturi, animaturi, ministri straordinarji tat-tqarbin, diretturi u membri fil-korijiet tal-parroċċa, kitarristi, fil-grupp li jnaddfu l-knisja, eċċ), fil-ħidma karittativa, fl-għaqdiet tal-Legion, tal-Museum, tal-Azzjoni Kattolika, tal-Kariżmatiċi, tal-armar tal-Festa; min igħin fiċ-Ċentru Parrokkjali, tal-Banda, tan-Nar, tal-Futbol, eċċ. Hawn nosserva ħafna spirtu ta' sagrifiċċju, ġenerożita' u kuraġġ minkejja r-riżorsi limitati li bihom irridu naħdmu. Naturalment wieħed ma jistax jittraskura l-formazzjoni kontinwa ta' dawn il-volontiera kif ukoll li wieħed jibni mentalità miftuħa li tmur lil hemm mill-konfini ġeografiċi tal-parroċċa, peress li aħna niffurmaw parti mill-Knisja Universali.

Sinjal ieħor ta' tama u kuraġġ insibu fin-numru relattivament kbir ta' romol, ħafna minnhom għadhom żgħar fl-eta', li b'determinazzjoni u ħafna mħabba u sagrifiċċji mhux żgħar, jieħdu ħsieb il-familja u uħud minnhom saħansitra joffru wkoll parti minn ħinhom fl-attivitajiet tal-parroċċa.

Ma nistax inħalli barra wkoll in-numru mdaqqas ta' morda u anzjani li bil-mod kif jerfgħu is-salib tal-mard u tax-xjuħija, jispirawna biex inkunu aħna wkoll tama u kuraġġ għall-oħrajn.


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

# TIFKIRIET U DRAWWIET GĦAWDXIN MARBUTIN MAL-FESTA TAL-GĦID TA' DARI .

*Mons Lawrenz Sciberras*

Mad-dinja nisranija kollha l-festa ta' l-Għid il-Kbir jew kif sewwa li tibda tissejjaħ, il-festa tal-Mogħdija tal-Mulej (*Pesah, Passover*). Din tiġi mfakkra u ċċelebrata bil-kbir. Naturalment kull pajjiż għandu d-drawwiet u l-użanzi partikulari tiegħu, kemm dawk reliġjużi kif ukoll soċjali. U dwar dan m'hemm xejn ħażin. Anzi, għaliex hekk kif bosta lwien imqegħdin fuq it-tila jiffurmaw u jfissru dak li jkun irid iwassal il-pittur, hekk ukoll il-bosta drawwiet u tradizzjonijiet ta' żmien il-Għid il-Kbir ifissru u jiċċaraw dak li l-poplu jkun qed iħoss, jemmen u jġarrab f'dak iż-żmien partikulari tas-sena kollha. Hawn sewwa li nżidu ngħidu li żmien il-Għid il-Kbir huwa perijodu li jdomm fih ħamsin jum; għalhekk żmien il-Għid idum sa Għid il-Ħamsin.

Wieħed għaref Lhudi tad-Dijaspora, Filun ta' Lixandra, jiġbor il-festa tal-Għid il-Kbir taħt tlitt realtajiet, u li kull waħda minnhom tiġbor fiha verità; dawn huma: **QAWMIEN, MOGĦDIJA, FIDWA.**

## QAWMIEN

Din il-festa tiġi ċċelebrata fil-bidu tar-rebbiegħa, ġeneralment meta l-qamar ta' April ikun mimli, żmien sinonimu u marbut qawwi mar-riti tal-fertilità. Huwa żmien ta' qawmien u tiġdid anke fl-istess natura. U dan il-qawmien qiegħed mhux biss fil-ħajja tal-ħxejjex, iżda wkoll fil-ħajja ta' l-annimali u l-bnedmin. Ifisser bidu ta' żmien ġdid, żmien sabiħ, u forsi l-aktar mistenni tas-sena.

U fost il-ħafna suriet ta' qawmien, hemm dak li jisboq bil-bosta lill-oħrajn kollha. Dan huwa l-qawmien ta' Kristu. Għalhekk, u bir-raġun għalina l-insara is-sollennità tal-Mogħdija tal-Mulej hija l-akbar u l-aqwa festa li tiġbor il-Knisja flimkien matul is-sena liturġika tagħha kollha.

Issa marbut ma' dan il-qawmien jew kif isejħulu ix-xjuħ tagħna, l-*glorja*, hemm marbuta bosta drawwiet sbieħ. Hekk xi tarbija li tkun se titlaq timxi, ommha, kienet itellaqgħa propju mad-daqq tal-glorja li dan kien isir is-Sibt f'xi l-għaxra ta' fil-għodu. Dan kien jiġri qabel ma saret ir-riforma tal-festi tal-Ġimgħa Imqaddsa, imnedija mill-Papa Piju XII fis-sena 1958. Drawwa oħra sabiħa kienet li t-tfal tagħna kienu joħorġu bil-figolli barra fit-triq, biex waqt li jkun għaddej Kristu Rxoxt ibierek dan il-ħelu speċjali ta' l-Għid.

Tip ta' "Qawmien" ieħor kien fid-daqq tal-qniepen ħelwin u armonjuzi tal-knejjes tagħna; dawn kienu jiġu msikkta min-nhar il-Ħamis ix-Xirka fil-għaxija sal-lejl qaddis u mistenni ta' l-Għid il-Kbir. Jien niftakar li anke t-tokki ta' l-arloġġ fil-kampnari tagħna kienu jiġu msikkta. U minn flok it-tokki tal-qniepen wieħed kien jisma' ċ-ċaqċiq taċ-ċuqlajta, ħsejjes ta' injam iebes iħabbat wieħed ma' l-ieħor. Għalhekk imbagħad mal-*glorja*, il-qawmien ta' dawn il-qniepen kien ikun xi ħaġa tant mistennija u li tnissel fik ferħ tal-għaġeb. Min kien jieħu sehem fil-funzjoni ta' Sibt il-Għid, kien jara ukoll il-kxif ta' l-inkwadri fil-Knisja li ħmistax il-ġurnata qabel kienu jiġu mgħottijin bid-drapp vjola. Xeni li llum ma għadekx tarahom. Anke t-twieqi tal-knejes tagħna li kienu jiġu mgħottijin bix-xkejjer biex idallmu, kienu jinkixfu biex ġol-knisja jerġa jidħol id-dawl, dawl tal-ferħ u tal-glorja.

## MOGĦDIJA

It-tieni tifsira marbuta mal-festa ta' l-Għid il-Kbir hija dik ta' mogħdija. Skond l-etimoloġija tal-kelma Lhudija *pesah*, l-ilsna oċċidentali ttraduċewha pascha bil-Grieg, *paschua* bil- Latin, *passover* bl-Ingliż, *pasque* bil-Franċiż, eċċ. L-Għid il-Kbir huwa mogħdija, il-passaġġ ta' Alla, dak li jsalva u li għadu dejjem isalva l-poplu. F'din l-ewwel mogħdija l-kastig ma daħalx fi djar il-Lhud imċappsin bid-demm tal-Ħaruf, imma baqa' għaddej. Din mela kienet l-ewwel mogħdija ta' Alla (Eż 12,13. 27).

It-tieni mogħdija tidher fil-mixja tal-Lhud, minn art il-jasar sa l-art imwiegħda, li biex jagħmel dan, htieġlu jaqsam il-Baħar tal-Qasab. Huwa għaddiena mill-jasar għall-ħelsien, mid-dwejjaq għall-hena, mill-biki għall-ferħ, mid-dlam sfiq għal dawl ċar u qawwi, mill-iskjavitù għal-libertà. Il-festa ta' l-Għid il-Kbir mela titlob moviment minn imkien għal ieħor, ċaqliqa dejjem għall- aħjar, u bidla għat-tajjeb; moviment biex dak li huwa maħmuġ taħslu sew biex tużaħ ġdid għall-festa ta' fil-għaxija, l-festa tal-mogħdija tal-Mulej; moviment biex dak li mhux safi bħal ħobż bil-ħmira, twarrbu u tibda tuża l-ħobż safi, jiġifieri bla ħmira.

Dan il-ħsieb ta' mogħdija wassal biex in-nisa tagħna jaħslu sewwa jekk mhux ukoll iqaxxru d-djar u l-oġġetti l-oħra ta' l-ikel għall- festa ta' l-Għid tal-Mogħdija tal-Mulej. Dejjem hemm il-ħsieb biex minn stat ta' ħaġa twasslu, tgħaddih għal stat ieħor itjeb u aħjar. U dan



ukoll fl-istess tindif: Hekk ukoll il-borom, billi kienu jsajru fuq il-kenur kienu jkunu mimlijin ġmied u għakar, kienu jnaddfuhom bix-xaħx fuq l-għajn. Il-fliexken kienet tnaddafhom bil-qxur tal-bajd, tixħet biċċiet ġewwa u tħabbat bihom. Għat-tubu tal-lampa n-nanna kienet tonfoħlu ħalli tagħmel il-fwar, iddaħħal biċċa u tnaddfu, kuljum.

F'Sibt il-glorja, f'xi l-għaxra, n-nanna li trabbejt magħha, kienet tgħidilna: "Ibda iġri kemm tiflaħ, ħa tikber!" Titla' u tinżel mat-taraġ tal-bejt.Il-ġirien tat-triq tagħna, kulħadd jiġri mal-*glorja* biex jikbru, u kont immur quddiem il-mera tal-gwardarobba biex nara kbirtx! (Ara Guido Lanfranco, *Drawwiet u Tradizzjonijiet Maltin*: 2001).

Għat-tberik li huwa marbut mal-festa ta' l-Għid il-Kbir, kienu jbajdu u jnaddfu d-dar minn fuq s'isfel, idendlu l-purtieri, inaddfu l-gastri għall-qsari, jarmaw it-tapiti bil-vireg mat-taraġ kollu, u jarmaw iċ-ċiel nadif għas-sodda. Kull kamra kienet titlesta għat-tberik, ankeil-kċina, bil-fukular, bis-settijiet ta' l-enemel, u ħafna oġġetti oħra tal-fuħħar, inkluża l- "baqra", l-imnara, it-tigan, il-lenbija, iż-żingla, il-borom, u l-kzazel, kif ukoll il-ktieli, stanjati, inkaljatur, il-meħrież u l-mitħna tal-kafe'. Żgur li *mogħdija* aktar ċara minn din ma tistax tidher. U dan ukoll għalkemm forsi ma nafuhx, għandu l-għeruq ħoxnin tiegħu fil-festa tal-Għid tal-Lhud.

## FIDWA

Fit-tradizzjoni biblika, kemm dik lhudija u fuq kollox dik nisranija, l-Għid il-Kbir l-ewwel u qabel kollox huwa festa ta' fidwa. Il-lejl qaddis ta' l-Għid huwa l-ewwel ħelsien, li għalkemm kien għadu kollox f'żerriegħa, però fih hemm is-sinjali kollha ta' salvazzjoni. Fl-ewwel Għid-Mogħdija l-Lhud infdew mill-jasar ta' l-Eġittu, u l-insara infdew mill-jasar tad-dnub. Fl-ewwel Għid, id-demm imraxxax fuq il-blata tal-bibien, salva u feda l-Lhud, għax il-mewt ma daħlitx; fit-tieni Għid, dak nisrani, demm Kristu "il-Ħaruf t'Alla" li feda lilna bnedmin; Kristu, il-"ħaruf" tal-Għid tagħna.

Din il-fidwa tat nifs ġdid, sabiħ u li jaħji lill-bnedmin kollha li jemmnu, jinsabu fejn jinsabu. Fidwa li tagħti *status* lil bniedem; issa l-bniedem għandu tweġiba dwar il-għan ta' l-eżiżtenza tiegħu hawn fuq l-art. U kien għalhekk li bosta kompożituri ta' mużika sagra kkomponew tant innijiet, oratorji u marċijiet brijużi kollha marbutin mal-ferħ li jġib il-Għid il-Kbir. Festa ta' Fidwa. Il-kant u l-għana tas-salmi tal-*Ħallel*, jew *Ħalleluja*. U fost tant mużika miktuba preċiżament għal dak il-lejl qaddis u uniku ta' l-Għid il-Kbir il-Knisja kollha ferħana tkanta l-*Exultet*, innu twil imma li jiġbor fih l-istorja u t-tifsira partikulari ta' dan il-lejl. Ta' min ikompli isemmi l-Oratorju *Resurrexit* ta' Gerald Near *La Risurrezione di Cristo* ta' Lorenzo Perosi, *Alleluia* mill- *Messiah* ta' Handel. U għaliex dan il-ferħ kollu, għaliex dan in-nifs qawwi u li jaħji l-bniedem? Għaliex Kristu qam tassew, *Hallelujah!*. U l-qawmien glorjuż tiegħu mhux xi ħaġa li ġrat fl-imgħoddi u daqshekk, imma wieħed għadu jista jħossu u jġarrab l-effetti kbar ta' dan il-qawmien. Prova qawwija huwa l-qabar glorjuż, miftuħ u rebbieħ ta' Ġesù f' Ġerusalemm ta' Ġesù rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub.

Jalla l-Għid il-Kbir ikompli jkun ta' Qawmien, Mogħdija u Fidwa għalina, kemm għal din is-sena kif ukoll għal ħajjitna kollha.


Ta' Pawlu



Bar & Restaurant

Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382

4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

The Saints

Spanish Prestigue

Spanish Satute Decoration,
Wedding Sovenirs & Invitations,
Christmas Decorations,
Religus Items.

Emanuel Balzan

Pjazza Savina, Victoria, Gozo, Malta. Tel:21565651, 9944 8323, 9986 2323

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

# Il-MULEJ QAM TASSEW

## U BIL-PROVI. DAWN HUMA X-XHIEDA.


1


2


4

### F'ĦADD IL-GĦID

1. **Lill-Maddalena**
   *"Għaliex qegħda tibki"*
   *"Miriam"...."Rabbuni"*
   (Ġwanni 20:11-16; Mark 16, 9)

2. **Lin-Nisa Twajbin** fi triqthom lura minn ħdejn il-qabar.
   *"Is-Sliem għalikom. Morru wasslu l-aħbar lil ħuti..."* (Mt. 28:8-10)

3. **Lil Xmun Pietru**
   *"Il-Mulej qam tassew u deher lil Xmun"* (Lq.24:35)
   *"Deher lil Kefa (Pietru) u mbagħad lit-Tnax"* (1Kor.15:5)

4. **Lid-Dixxipli ta' Emmaws**
   *"Waqt li kien fuq il-mejda qasam il-ħobż ...u għarfuh...!"* (Lq.24,13-31)

5. **Lid-Dixxipli fiċ-Ċenaklu.** Tumas ma kienx magħhom
   *"Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura .. u dawk li izzommuhomlhom ikunu miżmuma."* (Ġw.20:19-23)


5

Il-qawmien ta' Kristu hu fatt storiku u reali li ġara tassew. Il-Mulej qam. Il-Qabar kien vojt. Il-Mulej deher ħaj. Mexa... tkellem... kiel... "Missuni". Żamm il-pjagi. "Ġib sebgħek 'l hawn...".

Id-dehriet ta' Kristu Rxoxt ġew dokumentati storikament kif jixhed it-Testment il-Ġdid.

## WARA ĦADD IL-GĦID

6. **Lill-Appostli.** Tumas kien magħhom. *"Ġib sebgħek 'l hawn u ara idejja".* (Ġw. 20:24-28)

7. **Lill-Appostli ħdejn il-baħar ta' Tiberijade**
   a) *"Waddbu x-xibka n-naħa tal-lemin"*
   b) *"Ejjew kulu .. Din kienet ġa t-tielet darba li Ġesù deher lid-dixxipli"*
   c) *Lil Pietru: "Irgħa l-ħrief tiegħi... irgħa n-nagħaġ tiegħi."* (Ġw:21:1-17)

8. **Lid-Dixxipli fuq il-muntanja fil-Galileja**
   *"Morru fid-dinja kollha... U jien magħkom dejjem sa l-aħħar taż-żmien"* (Mt.28:16-20)

9. **Lil Ħames Mitt Dixxiplu**
   *"Deher lill-aktar minn ħames mitt aħwa flimkien".* (1Kor.15:6-7)

10. **Lil Ġakbu**
    *"Imbagħad deher lil Ġakbu u lill-Appostli kollha."* (1Kor.15:6-7)

11. **Fil-Jum tat-Tlugħ tiegħu fis-sema.**
    *"Imbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja... u huwa u jberikhom infired minnhom u kien meħud fis-sema."* (Lq.25,50)

12. **Aktar tard.** Lil Sawl fit-triq lejn Damasku: *"Fl-aħħar deher lili ukoll wara kulhadd."* (1Kor.15,8)


6


7


8


11


**Biblijografija:**

Il-Messaġġ tal-Għid tal-Papa 12 April 1999, *"We are witnesses to the Risen Christ"*.

Mons. Isqof Nikol G. Cauchi, Il-Fidi fil-Knisja p.61

Kulleġġ Kappillani Malta, Mulej għand min immorru? p.91

Katekiżmu Knisja Kattolika Nru. 638-658

Rev. Charles Hart, The Student's Catholic Doctrine p.60

Carlo M. Martini, *"Testimoni del Risorto con Pietro"*

Alessandro Pronzato, Via Resurrectionis - Gli appuntamenti con Dio p.187

Fulton Sheen, Life of Christ


*N.B. Min imur fil-Knisja ta' Padre Pio inawgurata fil-Ġublew fi Pietralċina jara l-Istazzjonijiet ta' l-Irxoxt.*

BOOK MARK

# *Il-MISTERU TA' L-GĦID*

***Angelo Xuereb, Lumen Christi Publications, Gozo Press, Għajnsielem 2002. pp.80 L.m 1.50c***




*Huma bla għadd il-kotba u dawk l-awturi nsara li matul l-istorja ttrattaw il-misteru paskwali ta' Kristu mindu seħħ il-Qawmien tiegħu mill-mewt u xterdet din l-aħbar it-tajba bħala l-qofol tal-predikazzjoni u tal-fidi nisranija.*

*Huma diversi l-aspetti studjati u r-riflessjonijiet magħmula dwar l-istess misteru, u għanja hija l-liturġija ċċelebrata matul il-Ġimgħa Mqaddsa li twassal għall-Għid ta' Kristu. Tant ieħor qawwi huwa l-frott spiritwali u l-qawmien nisrani mixtieq li jinkiseb mir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt. Dan kollu huwa marbut ma' ġrajja unika, u misterjuża fl-istess ħin, li tixhed fuq kollox għall-Persuna tal-Iben t'Alla u li lilna tawgura bis-sħiħ l-istess xorti fl-aħħar jum.*

*Dawn il-punti flimkien ma' ħjiel siewi ta ħafna oħrajn jinsabu miġbura fil-qosor f'5 kapitli minn Angelo Xuereb fis-sitt ktieb tas-sensiela "Għejun ta' Katekeżi" tal-Lumen Christi Publications. Huwa jagħti t-tifsir u ġabra ta' riflessjonijiet bħala katekeżi biblika- liturgika - spiritwali, u mhux mingħajr sfond storiku, teoloġiku u anki apoloġetiku. Fi ħsieb l-awtur innifsu, kif jidher fid-daħla li għamel, dan il-ktieb għandu jgħin ukoll sabiex f'pajjiżna l-poplu tagħna jagħraf jistqarr iktar il-fidi tiegħu fl-Għid il-Kbir, aktar milli jehda u jikkonċentra l-iktar f'devozzjoni fuq il-Ġimgħa l-Kbira.*

*L-għan għalhekk huwa wieħed ta' tagħlim għal idejn kulħadd, bla toqol żejjed ta' ħsieb, sempliċi u varjat kemm jista' jkun, u li jgħin ukoll biex wieħed jifhem u japprezza xi ftit aħjar l-ġurnata tal-Ħadd bħala Jum il-Mulej, għax fih jiġi ċċelebrat il-qawmien ta' Kristu għall-ħajja l-ġdida.*

*Din il-pubblikazzjoni, bħall-bqija tas-sensiela, hija stampata fuq art paper u mżewqa b'għadd ta' stampi ta' x'uħud mill-pitturi famużi li taw xhieda artistika marbuta ma' Kristu rxoxt.*

*Kopja tal-ktieb tista' tiġi akkwistata mil-Lumen Christi Bookshop jew mingħand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex. Nirrikmanda l-akkwist tas-sett sħiħ (6 volumi, kollha bil-L.m1.50 il-wieħed) ta' din is-sensiela utli ħafna bħala katekeżi għal kulħadd.*

***Mons. Salv Grima***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36




### Maqtul Arċisqof fil-Kolombja

L-Arċisqof Isaias Duarte Cancino ta' Cali, (63 sena), kritiku fil-beraħ tat-traffikanti tad-droga, gwerilli u forzi paramilitari nqatel is-Sibt, 16 ta' Marzu, hu u jħalli l-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'żona mill-ifqar ta' Cali, wara li mexxa ċelebrazzjoni ta'xi mitt miżżewġin ġodda. Skond uffiċjal tal-pulizija, żewġt irġiel resqu lejn l-Arċisqof u wieħed sparalu. Intlaqat f'rasu u f'sidru, ittieħed il-klinika u hemm miet.

L-għada l-Papa qal lill-pellegrini fi Pjazza S. Pietru li l-Arċisqof kien ragħaj ġeneruż u kuraġġjuż fix-xandir tal-Bxara t-Tajba, illi ħallas bi prezz daqshekk għoli d-difiża enerġika tiegħu tal-ħajja umana, u l-oppożizzjoni qawwija tiegħu għal kull xorta ta'vjolenza.

Mons. Duarte Cancino kien qal li xi kampanji fl-elezzjonijiet leġislattivi reċenti kienu mċappsin bi flus tad-drogi. L-Arċisqof ġie midfun fl-20 ta' Marzu, wara li nofs miljun ruħ marru biex jagħtuh l-aħħar tislima. Poster ġgantesk ta' l-Arċisqof tpoġġa fuq il-faċċata tal-kattidral bil-kliem "Appostlu tal-Paċi". Il-Kolombja għaddiet minn 38 sena ta' gwerra ċivili. Biss biss, xi 40,000 ruħ mietu fl-aħħar għaxar snin. Żewġ gruppi kbar ta' gwerilli ċaħdu r-responsabilta' tagħhom għad-delitt. Is-suspetti waqgħu fuq in-negozju tad-droga u l-konnessjonijiet politiċi tiegħu, li l-Arcisqof attakka bil-qawwa.

### Il-Kattoliċi Ċinizi magħquda aktar minn qatt qabel

Il-Kardinal Francois Xavier Naguyer Van Thuan, president tal-Kunsill Pontifiċju għall-Ġustizzja u l-Paċi qal f'Madrid, li l-Kattoliċi Ċiniżi, kemm fil-knisja approvata mill-istat kif ukoll fil-Knisja rikonoxxuta minn Ruma, huma magħquda aktar minn qatt qabel. Qal li l-Kattoliċi li jagħmlu parti mill-Assoċjazzjoni Patrijottika Kattolika, kontrollata mill-istat, jitolbu ta' kuljum għall-Papa.

Qal li l-problema tal-Knisja Kattolika hi li r-reliġjonijiet huma meqjusa bħala oppożizzjoni għar-regim eżistenti fiċ-Ċina. Madwar ħdax-il miljun Kattoliku jgħixu fiċ-Ċina; akbar minn nofshom fil-Knisja klandestina leali lejn Ruma.

Thuan, bħala isqof, kien għadda 13-il sena fil-ħabs taħt il-Komunisti fil-Vjetnam. Qal ukoll li l-qagħda f'pajjiżu tjiebet tul dawn l-aħħar 10 snin. Stqarr li l-gvern għadu jimponi limitazzjonijiet fuq l-istudenti li jidħlu s-seminarji. Madankollu fil-Vjetnam hemm madwar 700 seminarista.

### Fil-Qosor...

- Aktar minn elf dar fil-Kosovo. Ġew imsewwija jew mibnija mill-ġdid mill-*Caritas-Italia* bejn il-ħarifa 1999 u r-rebbiegħa 2001. Dan il-proġett ta' $6 miljun għen biex 10,000 ruħ ikollhom dar fejn joqgħodu.
- Patri Pio ta' Pietralcina (1887-1968), se jiġi dikjarat qaddis f'Ruma fis-16 ta' Ġunju li ġej.
- Fi tmiem il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Toronto, il-Papa se jmur il-Messiku biex jikkanonizża, fit-30 ta'Lulju, lil Juan Diego, l-Indjan li kellu l-apparizzjonijiet ta' Gwadalupe fl-1531.
- Josemaría Escrivá de Balaguer (fundatur ta' l-*Opus Dei*) se jiġi dikjarat qaddis f'Ruma fis-6 ta' Ottubru.

### Vatikan: Għaġġla biex jinfetħu l-Arkivji

L-arkivji Vatikani relatati mar-relazzjonijiet mal-Ġermanja mill-1922 sa l-1939, se jinfetħu għall-bidu tas-sena d-dieħla. L-arkivisti Vatikani ħabbru li se jiftħu l-arkivji qabel ippjanat, biex iwieġbu għat-talba straordinarja ta' Ġwanni Pawlu II. L-għan ta' din it-talba kien li tintemm spekulazzjoni inġusta u bla ħsieb. Is-soltu l-Vatikan idum ma jiftaħ l-arkivji ta' ċerti snin, biex jipproteġi l-kunfidenzjalità tad-dokumenti li tista tinvolvi persuni li għadhom ħajjin. Infatti mhux ippjanat li l-arkivji kollha tal-pontifikat ta' Piju XII jkunu disponibbli għall-pubbliku qabel l-2005.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (7)



# L-Istoriċità ta' l-Evanġelji

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(Ikompli mill-ħarġa ta' Frar 2002)*

## Il-Veraċità

L-Evanġelisti kienu jafu tajjeb x'ġara fil-bidu tal-Kristjaneżmu. Il-fatti li huma rrakkontaw ġraw fil-pubbliku u quddiem ix-xhud. It-tagħlim ta' Kristu, kien messaġġ mismugħ minn kulħadd mhux biss mill-ħbieb, iżda wkoll mill-egħdewwa, li kienu dejjem għassa biex jixlu lil Ġesù u jaqbduh fl-iżball.

L-Evanġelisti ma setgħux jitqarrqu, għaliex qabel ma emmnu, damu ħafna jtellgħu u jnizżlu, bħal San Tumas li ddubita mill-qawmien ta' Kristu.

Ma riedux jingannaw kemm għaliex kif jidher minn ħajjithom kienu persuni onesti, u ma kien ebda motiv li jimbuttahom biex iqarrqu b'ħaddieħor. Mhux ir-reliġjon - għax din tipprojbixxi l-gideb, l-anqas l-entużjażmu - li fil-bidu ma kellhomx għax kienu maħkumin mill-bizgħa, u ċ-ċirkustanzi, bħalma huma l-persekuzzjonijiet ma kienux jimlewlhom rashom b'xi fantasiji ta' rebħ jew qliegħ.

Fl-aħħarnett anki jekk qatt xtaqu jqarrqu bl-oħrajn, ma kienx possibbli għalihom peress li kien hemm ħafna li setgħu imeruhom. Meta nkitbu l-Vanġeli, kien fadal nies ħajjin li kienu preżenti fil-ġrajjiet rakkontati u għalhekk kienu jafu sewwa x'ġara.

Barra minn hekk il-figura ta' Kristu u t-tagħlim tiegħu, kif iddeskrivewhom l-evanġelisti kienu mbegħdin ħafna mill-kunċett u l-opinjonijiet tal-Lhud ta' Ġerusalemm li kienu jistennew Messija glorjuż u setgħan.

Fl-aħħarnett l-Evanġelji jew id-dokumenti li minnhom nieħdu r-rakkonti tal-ħajja ta' Kristu, huma miktuba minn xhieda okulari jew li irċivew l-informazzjoni tagħhom minn xhieda okulari. L-evanġelisti ma kitbux għall-flus jew biex jiksbu l-fama u jsiru magħrufin, huma kitbu bi skop wieħed, dak li jgħidu l-fatti; u għall-verità ta' dak li qalu huma kienu lesti jxerrdu demmhom.

## Stqarrijiet tal-Kumissjoni Biblika

Il-Kummissjoni Biblika Pontifiċja fit-tweġiba tad-29 ta' Mejju 1907, dwar l-awtur u l-verità storika tar-Raba' Vanġelu, affermat id-drawwa antika tal-knisja li tinqeda bir-raba' Evanġelju bħala dokument, propjament storiku, u innegat li l-ġrajjiet rakkontati fih, kollha jew parti minnhom, huma allegoriji jew simboli dottrinali.

Fis-19 ta' Ġunju 1911, l-istess Kummissjoni Biblika Pontifiċja fit-tweġiba dwar iż-żmien storiku tal-vanġelu skond San Mattew, ċaħdu l-opinjoni li n-narrazzjoni tal-ġrajjiet u l-kliem ta' Kristu li jinqraw f'dak il-Vanġelu ma jaqblux mal-verità storika (n.VI).

Fit-tweġiba tas-26 ta' Ġunju 1912 mogħtija wkoll mill-Kummissjoni Biblika Pontifiċja dwar il-verità storika tal-Evanġelju skond San Mark u skond San Luqa, stqarret li jistħoqqilhom li jiġu aċċettati bħala ċertezza storika, kif dejjem għamlet il-Knisja, u li għal kuntrarju lanqas f'xi partijiet minnhom ma għandhom jitqiesu nieqsa mill-verità storika.

L-Istruzzjoni *Sancta Mater Ecclesia* tal- Kummissjoni Biblika Pontifiċja tal-21 ta' April



*"In-Nuqqas ta' Fidi ta' San Tumas, Appostlu" (c. 1620) - pittura ta' Bernardo Strozzi (1581 - 1644)*

1964 tilmenta li qegħdin jiġu mxandra ħafna ktbiet li fihom qiegħed jintefa dubbju dwar il-verità tal-kliem u tal-fatti li hemm fil-Vanġeli.

Xi wħud jitilqu minn kunċett żbaljat tal-fidi bħallikieku din ma tagħtix każ tal-verità storika jew saħansitra li ma hix kompatibbli magħha. Oħrajn ċaħdu mill-bidu l-valur storiku u l-karattru tad-dokumenti tar-rivelazzjoni. Oħrajn, waqt li taw ftit importanza lill-awtorità ta' l-appostli bħala xhieda ta' Ġesù Kristu u lanqas tar-rwol tagħhom u ta' l-influwenza li kellhom fil-kommunità primitiva, esaġeraw il-poter kreativ tal-komunità. Dawn huma kollha ħwejjeġ li mhux biss huma kontrarji għad-duttrina kattolika, imma huma neqsin ukoll minn bażi xjentifika u ma jaqblux mal-prinċipji retti tal-metodu storiku (n.1).

Id-dixxipli fehmu sewwa l-mirakli u l-ġrajjiet l-oħra tal-ħajja fi Kristu bħala fatti li ġraw u kienu intiżi biex il-bniedmin jemmnu fi Kristu u flimkien mal-fidi jħaddnu il-messaġġ tas-salvazzjoni.

L-Appostli ħabbru fuq kollox il-mewt u l-qawmien tal-Mulej, waqt li taw xhieda dwar Ġesù, waqt li fissru fedelment episodji ta' ħajtu u kelmiet tiegħu, waqt li żammew quddiem għajnejjhom fil-predikazzjoni tagħhom l-ħtiġijiet varji tas-semmiegħa. Wara li Ġesù qam minn bejn l-imwiet u d-divinità tiegħu dehret b'mod ċar mhux biss li l-fidi ma nissithomx il-memorja ta' dawk il-ġrajjiet, anzi saħħitha iktar minn qabel, għaliex dik il-fidi kienet mibnija fuq dak li Ġesù kien għamel u għallem (n.2).

*(jissokta)*

*ikompli minn paġna 8*

## ELEZZJONIJIET KUNSILLI LOKALI 2002

### GĦAJNSIELEM



Peter Caruana (MLP)



Francis Cauchi (PN)



Joseph Debono (PN)



Stephen Mercieca (PN)



Frankie Xuereb (PN)

### GĦASRI



Joseph Cauchi (MLP)



Joseph Farrugia (MLP)



Rita Cutajar (PN)



Carmen Grech (PN)



Andrew Vella (PN)

### NADUR



Carmel Mifsud (MLP)



Francis Sammut (MLP)



Ruben Curmi (PN)



Miriam Portelli (PN)



Chris Said (PN)

### XEWKIJA



Taddeo Busuttil (MLP)



Monica Vella (MLP)



George Zammit (MLP)



Mario E. Camilleri (PN)



Francis Grima (PN)

ECB

HOTEL & CATERING EQUIPMENT LTD.

ZANUSSI
PROFESSIONAL



REFRIGERATORS



DISHWASHERS



STEAM/CONVECTION OVENS



CANTILEVER SYSTEM



BLAST CHILLERS

More *technology* at your service,
more *service* for your work.

ECB

HOTEL & CATERING EQUIPMENT LTD.

40-41,Marina Street, Pieta, MSD 08. Tel: 233331, 243440 Fax: 241793



Letteratura Għawdxija

# TAMA

**Poeżija ta' J. W. Psaila**



*Ħdejn il-konfessjonarju*
*Għad-dell f'tarf il-korsija*
*Tistenna n-nies bil-qiegħda ...*
*U tfajla sieq fuq oħra*
*Ħaddejha kollhom ġabra*
*Ġenbejha f'jeans skaxxat ...*
*Il-patri jittewweb waħda f'waħda*
*Mma xorta tgħodd il-maħfra.*

*Hemm Kristu*
*Fuq salib Y imdendel ...*
*Kollox jaħfer , kollox jara*
*Donnu b'dirgħajh irażżan*
*Il-friegħi tal-fajjara ...*
*U fuq il-presbiterju*
*Kristu rxoxt f'arti moderna*
*Qed jofroq bħal għanqbuta.*

## Madre Margerita De Brincat - 4

# Ħeġġa Missjunarja

jikteb Angelo Xuereb



Dun Ġużepp Diacono, Fundatur tal-Kongregazzjoni

Nistgħu ngħidu li Madre Margerita kienet ruħ missjunarja. Hi għamlet minn kollox biex il-Kongregazzjoni tagħha tinxtered il-hemm mix-xtut tagħna.

Infatti mingħajr ma nnaqsu t-tjubija u l-ispiritwalità li kien imżejjen biha Dun Ġużepp Diacono, huwa kien tal-fehma li l-membri tal-Kongregazzjoni jibqgħu tnax, ikunu kollha Għawdxin filwaqt li l-ħidma tagħhom tkun ukoll f'Għawdex. Iżda l-pjanijiet ta' Alla kienu differenti minn dak li kien qiegħed jaħseb dan il-qassis żelanti u twajjeb.

Madre Margerita kienet dejjem ubbidjenti lejn l-Isqfijiet li wrewha li l-għalqa fejn jaħdmu s-sorijiet ma kienetx biss dik ta' Malta u Għawdex. Il-ġrajja ta' Korfù għenet biex tifforma sorijiet kuraġġjużi li kapaċi jieħdu riskju biex jiftħu djar il-bogħod minn arthom. U Madre Margerita ħadet il-missjoni ta' Korfù bis-serjetà tant li daħlet għall-istudju tal-ilsien Grieg modern.

Darba hija kitbet: "*Jalla l-Mulej iseddaq lis-sorijiet fis-sempliċità tagħhom Franġiskana u jagħmel li jikbru fl-imħabba qaddisa Tiegħu, ħalli jkun jistħoqqilhom li jmorru f'missjonijiet l-aktar imbegħdin.*"

Dan l-ispirtu tagħha hija żergħetu fost is-sorijiet li kienet tmexxi. Ma tantx jista' jiġri li persuna tmur il-missjoni ħabta u sabta. Din tasal biex tagħmel hekk meta jirnexxielha toħroġ mill-fosdqa kampanili u tara l-bżonnijiet tal-Knisja fid-dinja kollha.

Għalhekk l-ideal missjunarju jissawwar fuq il-kuraġġ u l-imħabba lejn Sidna Ġesù Kristu. Kemm damet superjura hija tefgħet dan l-ispirtu, li meta l-Kapuċċin Patri Anġlu Mizzi kellem lis-Sorijiet biex jagħtu daqqa ta' id fil-missjoni ta' l-Etijopja, huma laqgħuha minnufih. Verament li laħqu għaddew sentejn minn mindu kellimhom dan il-Kappuċċin sakemm il-Kunsill Ġenerali fl-10 ta' Settembru wasal għal deċizjoni finali favorevoli.

F'din il-missjoni ta' l-Etijopja Madre Margerita kienet imdaħħla indirettament. F'dan iż-żmien hija ma kinitx Superjura Ġenerali iżda kienet tagħmel parti mill-Kunsill Ġenerali. Bil-vot tagħha hija saħħet din l-inizjattivà missjunarja li l-Kongregazzjoni ħadet f'daqqa waħda.

Il-Missjoni tas-Sorijiet fl-Etijopja rnexxiet ħafna. Il-kongregazzjoni għadha taħdem mhux biss f'dan il-pajjiż missjunarju biss iżda xterdet ukoll fil-missjonijiet tal-Brażil, Iżrael, Kenya u Pakistan.









© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

(Il-Ħames Parti )

***Illum se nibdew it-tagħrif tagħna billi nkomplu fejn ħallejna l-aħħar darba u nagħtu iżjed tagħrif dwar kif kienet issir il-għażla taż-żerriegħa mill-bdiewa tagħna. Irridu ngħidu wkoll li dan it-tagħrif qiegħed jingħata bħala tagħlim dwar il-folklor tal-biedja tagħna u mhux bħala pariri tekniċi lil min jaħdem fir-raba' u fil-ġonna. Għall-pariri tekniċi hemm l-esperti f'dan il-qasam li żgur li jkollhom aktar tagħrif siewi u tagħlim xjentifiku aġġornat.***

## Żerriegħa tal-Kromb: il-Kaboċċi

Iż-żerriegħa tal-kaboċċi tista' tittieħed billi wieħed iħalli kaboċċa sabiħa, u jħalliha sakemm tagħmel il-fjur jew aħjar issebbel. Biex igħinha ssebbel jista' jagħmlilha ***qatgħa salib*** ħalli jġegħilha ssebbel malajr.

B'dana kollu biex ma tinħeliex il-qalba, ħafna drabi din tinqata' għall-konsum, u jitħalla ***z-zokk***. Iz-zokk, imbagħad, jinqala' minn postu u jerġa' jitħawwel f'xi post ieħor għalih fejn malajr jarmi s-***subbiela*** u jiftaħ il-fjur għaż-żerriegħa.

Għaż-żerriegħa wieħed għandu jagħżel kaboċċa li jkollha l-qalba ffurmata tajjeb, l-iżjed sabiħa u iebsa. Kaboċċi bikrija ħafna u mwaħħra ħafna jridu jiġi evitati. Għandu jiġi evitat ukoll li l-fjuri jiddakkru mill-pastard.

## Żerriegħa tal-Kromb: il-ġidra

Il-ġidra tintgħażel billi wieħed iżomm l-isbaħ pjanti u l-iżjed bikrija, b'ġidra ċatta u wiesgħa, u li jdumu ma jagħmlu l-fjur. Dawn għandhom jitħawlu għalihom malli jsebblu.

Kelma ta' l-aħħar dwar il-kromb. Jingħad li bil-mod il-mod il-kwalita' tal-kromb li jitkabbar u jitnissel f'Għawdex ma tibqax mill-aħjar u għalhekk il-bdiewa Għawdxin, kif diġa' aċċennajna, minn żmien għal żmien imorru jġibu żerriegħa ġdida minn Malta l-aktar mingħand il-bdiewa ta' ħaż-żebbuġ u s-Siġġiewi.

## Żerriegħa tal-Pitravi, Karrotti, Ravanell u tan-Nevew

Wieħed irid jagħżel l-iżjed pjanti bikrija u l-iżjed sbieħ u li jiffurmaw il-għerq iżjed malajr, u li dan ikollu surtu u lewnu kif imiss, u li jitħawlu għalihom biex ikunu kkultivati b'attenzjoni u li jibqgħu hemm sakemm jagħmlu l-fjur u ż-żerriegħa. Jaqbel l-iktar jekk jintgħażlu pjanti li jkunu nżergħu fi żmienhom, jiġifieri fl-istaġun tar-rebbiegħa.

Il-pjanti ta' kwalitajiet differenti għandhom jitħawlu għalihom u bogħod minn xulxin minħabba li jistgħu jiddakkru. Il-problema tad-dakra għandha dejjem tiġi evitata fejn jidħlu pjanti mħollija għaż-żerriegħa.

## Żerriegħa tal-ħass

Hemm ħass Twil u ħass Ikkabuċċjat. Għandhom jintgħażlu l-aħjar pjanti u jitħallew jagħmlu l-fjur fil-post. Kull kwalità għandha tkun il-bogħod minn kwalità oħra biex ma tiddakkarx.

**Ngħaddu issa biex naraw kif jinġabar il-frott.**

## Il-ġbir tal-Frott

Il-frott jinġabar meta jilħaq. Is-siġar tal-frott għandhom ħabta jlaħħqu l-wiċċ ***boton boton***. Dan ifisser li jkollok frott li jkun laħaq għall-qtugħ fil-waqt li fuq l-istess siġra jkun hemm frott ieħor li jkun għadu żgħir u aħdar. Meta l-frott jibda jsir jingħad li jkun qiegħed jiblieq. Meta jsir iżżejjed jingħad li jkun ***sar mirra***. Frott ***misjur mirra*** jibda jaqa' jew jitħassar. Il-qtugħ tal-frott jissejjaħ ukoll ***ħrit il-frott***. Il-kelma ħrit ġejja mill-verb ħorot, li jfisser taqta' u tiġbor mis-siġra.

Xi frott irqiq bħal ħawħ, għajnbaqar, ċiras, pruna, jinqata' u jittieħed is-suq għal bejgħ. Hemm bdiewa li ż-żejjed li jkollhom jagħmluh ***kunserva*** tal-frott jew jam għax-xitwa. Xi frott ieħor bħall-berquq, it-tin, il-ferkizzan u l-parsott jista' jinbiegħ u jista' wkoll ***jitqadded*** jew jitnixxef fix-xemx fis-sajf mill-bidwi stess biex jikkunsmah fix-xitwa.



Il-bettiħ ta' l-ispag jew ta' Spanja jista' jinħażen fuq xi bejt għall-ħarifa u x-xitwa u ġie li jservi sal-Għid il-Kbir. Il-bettiħ kien jinħażen waħda fejn waħda *fuq rasu*, jiġifieri bil-għerq in-naħa ta' fuq. Iżda b'xorti ħażina, daż-żmien il-bettiħ tagħna ddakkar minn dak ta' l-Israel li ma jservix u allura sar jitħassar malajr u m'għadux jintrefa'.

Frotta li dari kienet tintrefa' wkoll għax-xitwa kienet il-bajtra tax-xewk. Il-bajtar tax-xewk kien jinqata' ***bil-għerq*** jew b'biċċa werqa miegħu biex ma jitħassarx u wara jintrefa' fuq xi bejt baxx, u mbagħad, bħall-bettiħ iservi sal-Għid il-Kbir. Bajtar tax-xewk imwaħħar, jew ***bajtar tal-ħarifa***, hu meqjus bħala delikatezza u dak li ma jikkunsmax il-bidwi, ibigħu bi prezz tajjeb.

Il-għeneb jinqata' għall-għasir fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru. Dari kien jinġabar fil-***qratal*** u jittieħed għand il-għassar bil-karrettun. Kull ***qartalla*** jew mezza tawwalija tkun imgħottija bi xkora tal-ġuta u marbuta sewwa. Imbagħad tinġarr fuq l-ispallejn. Illum jinqata' fil-kaxxi. Il-għeneb jista' wkoll jintrefa' ħalli jiġi kkunsmat fil-ħarifa. Il-għanqud jinqata' sħiħ u jrid ikun ***safi***, jiġifieri bla taħsir. Imbagħad idendluh f'xi kamra mwarrba fir-razzett.

Dak il-frott li jinqata' biex jintrefa' għall-ħarifa u x-xitwa jrid ikun xi ftit qawwi, jiġifieri għadu xi ftit nej ħalli ma jitħassarx.

F'Awissu kien jinġabar ukoll il-ħarrub. Il-qtugħ tal-ħarrub kien jissejjaħ ***ħrit il-ħarrub***. Il-ħarrub kien jinqata' l-aktar għall-bhejjem, għalkemm din il-frotta ħelwa tista' tittiekel min-nies u minnha hemm min ukoll issajjarha biex biha jagħmel il-***ġulepp tal-ħarrub*** għas-sogħla u l-***karamelli tal-ħarrub*** għal żmien ir-Randan.

F'Novembru jinġabar ukoll iż-żebbuġ. Dan jew ibigħuh jew jixtħuh fis-***salmura*** ħalli jikkunsmawh fix-xitwa. Is-salmura tkun ilma bil-melħ, u tkun tafx saritx sewwa billi titfa' bajda u meta din iżżomm fil-wiċċ, is-salmura tkun tajba. Dari kien hawn ***krietel*** ta' l-injam apposta li kienu jimlewhom bl-ilma tas-salmura u biż-żebbuġ.

Fis-salmura jinħażen ukoll il-kappar li jinqata' minn arbuxxeli jew sġajjar li jikbru fis-selvaġġ, l-aktar fuq il-blat. Dan jikkonsisti minn ***buttuni*** (blanzuni mhux miftuħin) u ***żigrombli*** (fosdqa ħadra tawwalija biż-żerriegħa fiha). Il-kappar jibda jinqata' mill-festa ta' San Ġorġ fit-23 ta' April u jdum jinġabar sal-festa ta' Santa Margerita fil-20 ta' Lulju. Fix-xitwa l-kappar iwaqqa' l-weraq.

## Id-Dugħ, l-Użin u l-Kejl

Meta ngħidu **dugħ** nifhmu l-konenituri li fihom il-bidwi jiġbor u jġorr il-frott u l-prodotti l-oħra tar-raba' biex jeħodhom is-suq jew għand minn jixtri l-prodotti tiegħu. Ħafna prodotti u ***għelejjel*** jistgħu jinġarru fix-***xkejjer***, ***lożor tax-xkejjer*** u ***xbieki***. It-tgħam - qamħ u xgħir - u l-ġwież jinġarru fix-***xkejjer tal-ġuta***, illum xkejjer tan-nylon. Dari kull xorta ta' kromb kien jinġarr ukoll fix-xkejjer tal-ġuta, imsejħin ***xkejjer tal-faxx*** minħabba l-faxx vjola li kien ikollhom għal tulhom.

Prodotti oħra u frott kienu jinġarru f'dugħ tal-qasab - ***mezez, bxiekel, bxiekel tal-frott, bxiekel tal-frawli, kannestrijiet, qfief*** u ***qratal għall-għeneb.***

Il-għeneb jingħasar għall-inbid. Id-dugħ ta' l-imbid jikkonsisti minn ***btieti*** ta' diversi daqsijiet, ibda mill-***bittija tal-barmil*** u spiċċa fl-ikbar bittija - ***it-tanbur.***

Il-larinġ aktarx jinġarr f'***kannizzi*** u ***kaxxi*** ta' l-injam. Iżda hawn ta' min jgħid li l-kultivazzjoni tal-larinġ f'Għawdex m'hix xi ħaġa antika ħafna.

Illum il-ġurnata ***kaxxi*** ta' kull sura, l-aktar dawk ***standard tal-plastik***, ħadu post il-qfief, mezez u bxiekel u qratal.

Il-prodott jiġi miżun fuq il-***paskula*** jew ***miżien tal-pitkal*** bid-dugħ b'kollox. Iżda l-pitkal ikun jaf kemm jiżen id-dugħ. Allura mbagħad inaqqas jew ***jaqta' t-tara***. It-***tara***, mela, hija l-użin tad-dugħ battal jew vojt. ***Taqta' t-tara*** jfisser tnaqqas il-piż tad-dugħ.

Prodotti mimlija fi xkejjer kbar bħal bettiħ, patata u ġwież kienu jintiżnu bl-***istasija*** li kien miżien magħmul minn ***virga*** u ***rumana*** (il-balla ta' l-istasija, Malta

msejħa *rimona*) li jkunu mdendla minn ganċ. Il-ganċ jew kien ikun imdendlel minn travu fis-saqaf jew, jekk l-użin isir fir-raba', minn ħolqa f'nofs *menża*, li tkun bħal lasta ta' njam b'saħħtu, li tintrefa' fuq l-ispalla minn żewġt irġiel. Hekk ukoll kienu jintiżnu l-qoton u l-maħluġ, iżda prodotti bħal ful, tgħam, ċikkarda, ġulbiena kienu ***jitkejlu*** bit-***tomna*** u ***bis-siegħ***. Dari l-użin bil-paskula u bl-istasija kien isir minn bniedem liċenzjat għal hekk mill-Gvern u li kien jissejjaħ ***Piżatur Pubbliku***.

L-użin ta' dari kien idur, biex ngħidu hekk, mar-***ratal***. Ratal kien fih erba' ***kwarti***; u ***nofs artal*** żewġ kwarti; ***kwart*** kien jista' jinqasam f'żewġ ***nofs kwarti***; u ***nofs kwart*** kien jista' jerġa' jinqasam f'żewġ ***nofs nis-kwarti***. Kien hemm ukoll użin partikulari jissejjaħ ***uqija***.

Ratal u kwart kienu jissejħu ***qsima***.

Ħamest artal kienu jagħmlu ***wiżna***; mit ratal jew għoxrin wiżna jagħmlu ***qantar***. Użin partikulari għal affarijiet tqal ħafna jissejjaħ ***tunnellata***.

Billi l-qerq kien minn dejjem, u xi drabi kien ikun hemm min jipprova jqarraq fl-użin, dari kien meħtieġ li l-użin u l-miżien ***jgħabbruh***, jiġifieri jibbilanaċjawh ħalli l-piż ikun ġust. Mela ***tgħabbar*** tfisser tibbilanċja l-użin jew il-miżien. Dari kien hemm diversi mwieżen differenti għal prodotti differenti (per eżempju miżien tal-qoton), u kien hemm ***imwieżen*** kemm taż-***żewġ kefef*** kif ukoll ta' ***keffa waħda***.

Il-kejl taż-żrieragħ kien dan: jibda mill-***kejla***, l-iżgħar kejl; sitt ***kejliet*** jagħmlu ***siegħ***; għaxar ***kejliet*** jagħmlu ***għabara***, sitt ***sigħan*** jagħmlu ***tomna***; erbat ***itmien*** jagħmlu ***wejba***; erba' ***wejbiet*** jew sittax-il ***tomna*** jagħmlu ***modd***.

Kien hemm ukoll kejl u wżin oħxon, imsejjaħ ***ġemma***, għat-tgħam, qamħ, xgħir, qarabocc, ċiċri, u qamħ ir-rum, imma din il-kelma aktarx kienet tintuża l-aktar min-neguzjanti. Min ikejjel ***bil-ġemma*** kien jissejjaħ ***ġemmiem***.

Meta kien isir il-kejl, kienu jiftiehmu minn qabel jekk il-kejl isirx ***bl-imburġat***, inkella ***mimsuħ***. Meta kienu jiftiehmu bil-mimsuħ, iżżejjed kien jitneħħa jew jintmesaħ b'biċċa njama msejħa ***merxieqa***. Għal min kien jagħmel dan ix-xogħol kienu jgħidu "Rexaq it-tomna" jew "Rexaq is-siegħ", "Rexaq il-kejla". Żerriegħa li tiswa ħafna flus aktarx li ma kenitx titkejjel bl-imburġat.

Il-kejl ta' l-inbid kien dan: jibda mill-***pinta***, l-iżgħar kejl, żewġ ***pinet*** jagħmlu ***terz***; żewġ ***terzi*** jagħmlu ***nofs***; żewġ ***infas*** jagħmlu ***kartoċċ***; erba' ***krataċ***, ***nofs*** u ***terz*** jagħmlu ***kwarta***; żewġ ***kwarti*** jagħmlu ***ġarra***, erba' ***ġarar*** jagħmlu ***barmil***. Dari, fil-għaxijiet ħafna rġiel kienu jmorru ***jpenntu*** fil-ħanut ta' l-inbid. Ipenntu tfisser jixorbu l-inbid pinta pinta.

Il-kejl taż-żejt ta' l-ikel u l-ħalib kien differenti, imma l-ismijiet kważi l-istess. Jibda mit-***terz***, l-iżgħar kejl, żewġ ***terzi*** jagħmlu ***nofs***; żewġ ***infas*** jagħmlu ***kartoċċ***, erba' ***krataċ*** jagħmlu ***kwarta***. Il-ħalib jitkejjel ukoll bil-***gallun***. Id-dugħ taż-żejt u l-ħalib hu l-***ġarra***. Iż-żejt jitkejjel ukoll bil-***barmil***.

***Qafiż*** kien nofs barmil fil-kejl ta' l-inbid u taż-żejt, iżda din il-kelma kienet aktar magħrufa min-neguzjanti milli mill-pubbliku in ġenerali.

Prodotti li jitkejlu bil-***gallun*** huma l-***pitrolju***, ***petrol*** u ***żjut tal-magni***. Tal-pitrolju kien ikollu wkoll kejl tan-***nofs gallun*** u taż-żewġ ***galluni*** u, naturalment, ***l-imbiebet*** (plural ta' ***lembut***) li jaqblu magħhom. Il-lembut, qisu delu tond b'żennuna taħt, hu biċċa għodda utli ħafna biex wieħed isawwab il-likwidi minn kontenitur għal ieħor.




LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE

Links Travel
Your link to the world!
Organisers for Group Tours, Honeymoons, and all other types of Worldwide Travel
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
Tel: 356 2156 0180, 356 2155 6476
Mob: 9949 5700 Fax: 356 2156 0181
Email: travel@linksmalta.com
Web: www.linksmalta.com

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 553500


GELAT TA' VERU...
...DOQTU???
BAXAN ORIGINAL
SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
IL-MENQA - MARSALFORN - GOZO
TEL: 551005 - 551983 FAX: 559959

TEKNO ZONE
T.V.'s, Hi Fi Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.
Call Peter & Maureen Mercieca
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 09491809 / 09854176
e-mail: teknozon@maltanet.net


IL TERRAZZO
Bar & Restaurant
• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •
Host: Joseph Mercieca
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo

## FUQ L-INTERNET

RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
http://www.rtk.org.mt

IL-HAJJA F'GHAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




# IL-MUŻEW TA' L-ISTORJA NATURALI

## (Is- Sitt Parti)

### IL-MOLLUSKI

Il-kelma Latina "mollis" tfisser artab, u għalhekk il-kelma mollusk ġiet imsawwra minnha, peress li l-molluski għandhom ġisimhom artab. Il-Fergħa MOLLUSCA hija maqsuma fi tmien Klassijiet, li minnhom insibu sitta f'Malta bi Klassi minnhom, dik CAUDOFOVEATA bi speċi waħda biss. Dawn huma Klassi ta' annimali primittivi ħafna li għandhom forma ta' ħniex.

L-ispeċi tal-molluski jammontaw għal madwar 100,000 fid-dinja kollha u jgħixu f'kull tip ta' ambjent u kullimkien, voldieri kemm fl-art u kemm fil-baħar u għandhom forom ta' kull għamla u daqs. Fost dawn insibu l-arzell, il-bebbux, il-klamari, il-qarnit u jeżistu speċi b'forom ta' farfett u anke ħniex.

Ir-ras, is-sieq, il-borża bil-ġewwieni, il-mantell u l-qoxra huma l-partijiet importanti tal-mollusk. Ir-ras naturalment tkun fuq quddiem b'par għajnejn mal-bażi jew mal-ġenb ta' par tentakli li joħorġu minnha. Insibu speċi li għandhom żewġ pari tentakli. Il-mollusk juża s-sieq kemm biex jimxi, biex iqabbad u biex iħaffer. Barra minn hekk jifforma s-sieq skond l-ambjent li jgħix fih.

Fil-ħalq tal-mollusk insibu r-radula. Dan huwa qisu lsien bis-snien f'forma ta' raspa. Dan l-annimal juża r-radula biex jaqla' l-algi minn mal-pjanti u saħansitra minn mal-blat, kif ukoll ikun jista' jħaffer taqob fil-qoxra ta' molluski oħra biex jikolhom.

### L-ikel u l-ossiġnu

Ħaġa li tidher kemm xejn kurjuża huwa l-fatt li l-ispeċi tal-Familji **Turridae** u **Conidae** għandhom numru ta' vleġeġ bil-velenu midmuma ma' xulxin b'ħarira rqiqa mar-radula. Dawn l-ispeċi jisparaw dawn il-vleġeġ fuq annimali oħra, bħal ħut żgħir u jipparalizzawhom biex jikluhom. Imbagħad hemm tipi oħra li m'għandhomx radula u n-natura forniethom b'forma ta' ħalq biex jerdgħu likwidi bħalma hu demm minn annimali oħra.



Il-bivalvi jew arzell jiġbdu l-ikel permezz ta' tentakli żgħar jew mis-sifuni.



Il-borża bil-ġewwieni tinsab fuq in-naħa ta' wara tas-sieq li tkun imgeżwra fil-mantell li jdur għal madwar ir-ras u s-sieq. Il-mantell huwa li jkabbar il-qoxra billi jżid materjal ġdid kull darba li l-mollusk iħoss il-bżonn, kultant anke bl-istaġuni. Bejn il-mantell u l-qoxra hemm toqba li minnha l-mollusk jiġbed l-ilma 'l ġewwa biex jieħu l-ossiġnu.

Fil-molluski ta' l-art insibu qisu pulmun primittiv ħafna u li bih jiġbdu l-ossiġnu direttament mill-arja. Huwa minn din it-toqba żgħira li l-annimal jagħmel il-kuntatt għat-tnissil.

## Il-qoxra

Insibu molluski li għandhom il-qoxra, oħrajn għandhom il-qoxra taħt il-ġilda u speċi oħrajn m'għandhomx qoxra. Il-mollusk jużaha biex jipproteġi lilu nnifsu, fil-fatt ċerti speċi kapaċi jidħlu għal kollox f'qoxrithom u saħansitra jitbqu l-fetħa b'għatu qisu qarquċa li jissejjaħ **operkulum**. Oħrajn jużawha biex ikunu jistgħu jgħumu. Il-qoxra hija ffurmata minn numru ta' saffi li flimkien jirrenduha iebsa ħafna. Is-saff ta' fuq nett huwa biss rita rqiqa ħafna, imsejħa, **perjostrakum**. Is-saffi iebsa huma ffurmati mill-kalċju. Dan il-materjal jiġi prodott minn likwidu li jifforma ruħu fil-mantell li hekk kif joħroġ fl-ilma jew fl-arja jagħqad mill-ewwel. Hekk l-ewwel jinbena s-saff ta' barra, imbagħad wara jkompli jsaħħaħ l-istruttura kollha minn ġewwa. Fin-naħa ta' ġewwa tal-qoxra ġie li jkun hemm saff ileqq ħafna u din tissejjaħ il-madriperla u jkollha ħafna kuluri ċari li jkanġu.

## It-tnissil

Fl-istess speċi tal-molluski nsibu metodi differenti kif isir it-tnissil. L-ewwel ħaġa biex jistimulaw lil xulxin ġie li uħud minn dawn l-ispeċi jisparaw bħal vleġeġ tal-kristall fuq xulxin. Mhux fil-gruppi kollha tal-molluski nsibu r-raġel u l-mara, f'liema każ ir-raġel u l-mara jingħaqdu u r-raġel jitfa' l-isperma direttament fiha, imma nsibu wkoll li uħud minn dawn l-annimali għandhom iż-żewġ sessi, iżda li ma jiżviluppawx bl-istess mod. Allura għalkemm ma jistax jgħammar lilu nnifsu jfittex li jagħmel dan lil speċi ieħor bħalu fis-sess oppost u li jkun l-iktar matur. Imbagħad il-bivalvi jxerrdu l-bajd u l-isperma fil-baħar u dawk li jiltaqgħu jibdew il-proċess tar-riproduzzjoni.

Issib speċi oħrajn li jnisslu bajd ġo fihom stess u jfaqqsuhom, oħrajn iferrgħu żigarelli, boroż jew pakketti ta' bajd x'imkien għall-irdoss fejn ifaqqsu fi żmienhom. Il-qarnit jieħu ħsieb il-bajd sa kemm ifaqqsu.

Il-frieħ tal-molluski tal-baħar jitilqu jgħumu mal-kurrenti u meta jsiru adulti jinżlu fil-qiegħ u jekk isibu li l-ambjent jaqbel magħhom jgħixu jew jekk le, jmutu.

## IL-KRUSTAĊI

Il-KRUSTAĊI huma dawk l-annimali li għandhom qoxra li tgħatti l-ġisem kollu jew nkella jkollhom bħal qoxra li tgħatti r-ras. Il-kelma krustaċi hija meħuda minn kelma fil-lingwa Griega li tfisser qoxra. Fost



l-44,000 speċi li ġew misjuba naraw il-ħnieżer l-art, il-gambli, l-awwisti u l-granċijiet. Dawn insibuhom f'bosta forom u daqsijiet.

Il-krustaċi komuni huma komposti minn ras u ġisem tawwali. Mill-ġisem, li ġeneralment ikun wieħed iebes minħabba l-qoxra, joħorġu numru ta' saqajn li jkunu maqsumin f'partijiet li jerġgħu jinqasmu f'oħrajn iżgħar.

Insibu li l-krustaċi huma armati b'żewġ pari antenni, fuq rashom. Dawn jintużaw għall-għawm, speċjalment fil-każ ta' l-ispeċI ż-żgħar. Is-saqajn, li huma dejjem numerużi, jintużaw għall-għawm, għall-mixi kif ukoll biex jaqbdu jew jiġbrul-ikel. Dawn l-annimali jieħdu l-ossiġnu tagħhom minn saqajhom.

F'din il-Klassi tal-krustaċi nsibu speċi li jieklu annimali oħra : karnivori; oħrajn jieklu ħaxix u algi żgħar : erbivori; u oħrajn jieklu materjal organiku li jkun qed jiddikomponi u dawn jissejħu detritivori. Hemm dawk ukoll li jgħixu minn fuq annimali oħra u jieħdu minnhom sustanzi bżonjużi għalihom u dawn jissejħu parassiti.

## It-tnissil

F'dawn l-ispeċi ġeneralment insibu kemm l-irġiel u kemm lin-nisa. Fatt kurjuż huwa, li fl-ispeċi ż-żgħar, għalkemm jeżistu l-irġiel u n-nisa, kapaċi ikattru mingħajr il-bżonn tas-sess maskil. Dan it-tip ta' tnissil jissejjaħ **partenoġenesi.**

## L-EKINODERMI



L-isem ta' din il-Fergħa ECHINODERMATA: ekinodermi, huwa mislut minn żewġ kelmiet Griegi li huma: *echinos* li bil-malti tfisser xewk, u *derma* li tfisser ġilda. Allura dawn l-annimali għandhom ġilda mimlija bix-xewk, liema xewk jista' jkun twil u jniggeż jew fin u bilkemm jidher.

F'din il-Fergħa nsibu madwar 6000 speċi minn dawn l-annimali tal-baħar li jinkludu stilel tal-baħar, rizzi u l-bużżi. Ġeneralment dawn l-annimali għandhom ġisimhom maqsum f'ħames partijiet u l-biċċa l-kbira huma mgħammra bi swaba forma ta' tubi li nsibuhom f'din il-Fergħa biss.

## L-istruttura

L-ekinodermi, bħal ngħidu aħna l-istilel tal-baħar, għandhom ħalq li huwa mdawwar b'ħames swaba li fihom bosta saqajn tal-laħam f'forma ta' tubi żgħar ħafna, imsejħa **podja** li bihom l-annimal ikun jista' jimxi jew jaqbad ma fejn ikun. Dawn is-saqajn għandhom sistema idrolika interna kumplessa li tgħinhom jintefħu bl-ilma baħar. Xi ekinodermi, speċjalment l-istilel qarnita, jagħmluha possibbli li jgħumu jew jitkaxkbru bil-movimenti tas-swaba tagħhom. Imbagħad insibu r-rizzi li għandhom il-wiċċ ta' ġisimhom mimli b'ringieli ta' xewk li jużawhom għall-mixi u nsibulhom wkoll il-podja li jiġu bżonnhom biex jimxu u biex jeħlu mal-blat. L-iskeletri jew il-qoxra iebsa tar-rizzi hija komposta mill kalċju, kif ukoll ix-xewk twil li nsibu mwaħħal ma' l-iskeletru. Fil-bużżi, imbagħad, insibuli l-biċċiet kakarji ta' l-iskeletru huma żgħar ħafna u mhux magħqudin flimkien, u dan il-fatt jifforma l-ġisimhom inqas iebes minn ta' l-ekinodermi l-oħra.

Minn studju li sar fuq fossili ta' l-ekinodermi misjuba ġie nnutat li l-forma li ġeneralment turi ħames partijiet hija evoluzzjoni riċenti u forom oħra jinstabu wkoll.

## It-tnissil

Il-biċċa l-kbira ta' l-ekinodermi għandhom in-nisa li joħolqu l-bajd u l-irġiel li jgħammruhom. Il-bajd u l-isperma jitferxu flimkien fl-ilma, u fejn jiltaqgħu jibda l-proċess tat-tnissil. Il-larva tfaqqas mill-bajda li tibda tiġġerra mal-kurrenti ta' l-ilma sa kemm jasal iż-żmien li togħdos fil-qiegħ u tibda tinbidel f'forma adulta. Il-larvi ta' kull Klassi, għalkemm b'forom differenti, ilkoll għandhom fillieri ta' xagħar fin li jferfruhom fl-ilma biex ikunu jistgħu jitħarku.


吉祥



**Little China**

***At the***

***Xaghra Lodge***

***1st Class***

***Chinese/Cantonese***

***Restaurant***

A La Carte / Take Away

Oriental Food for Staff Parties

and all occasions

*Opening Hours: 6.30p.m. - 11.30p.m.*

*Sunday Lunch 12.00a.m. - 2.00p.m.*

Dun Gorg Preca Str., Xaghra, Gozo.

Tel: 21 562362 Mob: *99887831*

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo

Tel. 21553352/21562211 - Mob. 999 5001 - Fax 21562211

TAL-HWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

**14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.**
**TEL: 2156 2160**

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## It-Theddida ta' l-Aids

Il-marda tal-*Aids* hija l-ewwel marda fid-dinja li għandha l-protezzjoni politika mill-gvernijiet tad-dinja inkluż tal-Organizazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Il-gravita reali tagħha qegħda tkun moħbija minn statistika skorretta. Qegħdin ngħixu fi żminijiet fejn dak li kien jagħmel sens m'għandux jagħmel sens. Eżempju ta' dan hija l-epidemija tal-virus *HIV* li qiegħed jhedded li jinfetta biljun ruħ qabel ma x-xjenza tkun sabet xi forma ta' kura, jekk wara kollox issib.

Dak li qed naraw jiġri quddiem għajnejna huwa fenomenu stramb. Il- bniedem minkejja li jaf b'dan il-flaġell, qiegħed jagħlaq għajnejh u bħal donnu tilef ir-rieda li jgħix. Minkejja li nafu x'għandna nagħmlu jew aħjar ma nagħmlux biex innaqsu l-firxa ta' din il-marda nibqgħu bl-istess stil ta' ħajja li tista twassal biss għall-qerda tagħna.

L-*AIDS* mhix sempliċament marda , hija kawża ta' konsegwenzi li fi żmien għaxar snin oħra jaffetwaw lid-dinja drastikament. L-*AIDS* tissimbolizza l-libertà, partikularment il-libertà sesswali. Il-libertà sesswali hija parti mill-istil ta' ħajja tal-maġġoranza taż-żgħażagħ tal-lum. Iżda kemm din it-tip ta' ħajja qegħda tissodisfa liż-żgħażagħ? Kemm qegħdin jirrejalizzaw li flok libertà sabu skjavitù u flok sodisfazzjon sabu vojt kbir? Kemm minnhom ser jiskappaw mill-minġel tal-AIDS ?

L-omosesswalità, u s-sess hekk imsejjaħ liberu huma aċċettati mis-soċjetà moderna b'tali mod li ta' l-ewwel m' għandniex nenfasizzaw li hija devjazzjoni, u tat-tieni huwa stil ta' ħajja bla irbit. Iżda l-ħajja turina li mingħajr kontroll dawn iwasslu lejn il-mewt. Fil-fatt l-*AIDS* hija riżultat ta' dan it-tip ta' ħajja. Forsi kittieba ta' l-istorja fil-futur iniżżlu fil-kotba tagħhom dan il-fenomenu bħala wieħed li ma' tistax tispjegah. Mill-imġiba tiegħu l-bniedem donnu ma jridx jiddefendi lilu innifsu minn din il- marda li kura għaliha għad m'hemmx.

L-istess bħal fil-każ tal-marda tal-*AIDS,* is-sistema mmunitarja tal-kultura tal-Punent qiegħda tkun attakkata minn virus li ftit ftit qiegħed idgħajjifha u jeqridha, Bħall-vittmi tal-*AIDS* is-socjetà qiegħda titmermer u tkun maħkuma minn kull tip ta' mard morali. Fuq l-istess xebh nistgħu ngħidu li is-soċjetà moderna qiegħda titlef il-kapaċitajiet ta' difiża kontra dawn il-forzi ostili.

Dwar l-*AIDS* mhux qed jingħad kollox. Lanqas qiegħda tingħata statistika reali. Filwaqt li skond il-liġi każijiet ta' l-*AIDS* ġa stabiliti għandhom jiġu irrapurtati, n-numru ta' persuni nfettati bil-*virus* tal-*HIV* ħadd ma jafu għalkemm nafu fiċ-ċert li huma ferm akbar milli l-istatistika ġġagħlna naħsbu. Barra minnhekk ħafna oħrajn li huma infettati mingħajr ma jafu għax għadhom ma għamlux it- test. Ir-realtà hi ferm ikraħ milli tidher. Dan huwa numru relattivament żgħir, iżda n-numru reali ħadd ma jafu u wisq nibża li din hija kwistjoni ta' żmien, għax illum jew għada l-bomba trid tfaqqa.

Apparti statistika żbaljata, l-informazzjoni li tingħata lill-pubbliku dwar it-tixrid tal-*HIV* u r-riskju tal-*AIDS* hija ukoll ineżatta u mhux ta' min jogħqod fuqha. Ix-xjenza minkejja l-istudji kontinwi li qegħdin isiru għadha ma'tistax titkellem fiċ-ċert dwar dan is-suġġett. Kulħadd jaf li ċerti atti sesswali huma



*Il-virus ta' l-HIV*

perikolużi ħafna. Iżda mhux dejjem jingħad li anke meta tuża' l-kondom għadek fil-periklu li tieħu il-*virus,* minkejja li jitnaqqas ir- riskju. Il-kondom mhux is-soluzzjoni għall-marda tal-*AIDS*. Kieku s-soluzzjoni tal-marda tal- *AIDS* hu l-użu tal-kondom, kieku l-marda mhix tinxtered bil-miljuni. Lanqas nemmen li hawn daqshekk tixrid tal-*AIDS* għax forsi mhux qegħdin jintużaw kondoms. F'kull it-tip ta' attività sesswali l-użu tal-kondom qed jiġi rakkomandat u anke jintużaw żewġ kondoms fuq xulxin. Din tal-kondom doppju tista' ssir ir-regola. Dan juri l-inċertezza li hemm dwar l-użu ta' dan il-mezz. Min-naħa l-oħra għad ma nstabx mezz kif inaqqsu r-riskju mill-*HIV* minn bews fil-fond u passjonat, l-iktar jekk persuna jkollha xi qasma jew ferita żgħira fil-ħalq. Ir-riskju jikber meta persuna jkollha kuntatti ta' spiss.

S'issa ix- xjenza nfurmatna li ma jeżisti ebda riskju minn kull xorta ta'logħob bejn tfal, anke jekk it-tfal ikollhom l-*HIV*. Ma hemm l-ebda riskju minn bews soċjali jew tgħanniq jew infezzjoni mill-arja jew bl-użu ta' oġġetti użati minn persuna bl-*HIV* qablek. Biex inkunu għidna kollox, lanqas jeżisti riskju mill-użu ta' pixxini jew *toilets* u *saunas* jew saħansitra gdim ta' insetti jew annimali, iżda wieħed irid ikun kawt dwarhom. Ħadd ma jrid jallarma lil ħadd. It-tagħrif li għandna s'issa mhux komplut. Fi 3% tal-każijiet tal-AIDS, il-mod kif ittieħdet il-marda ma' nstabx, filwaqt li hemm numru minn dawn fejn vittmi qatt ma kellhom kuntatt sesswali. Dawn in-nies ġeneralment kienu jaħdmu fil-*laundry* tal-isptarijiet jew fil-manutenzjoni ta' apparat, u ma kellhom ebda kuntatt dirett ma' pazjenti morda bl-*AIDS*. Għalhekk qed jittieħdu ħafna prekawzjonijiet anki minn dawk il-ħaddiema. Għad naslu fi stat li dak kollu li nużaw ikun magħmul għall-użu ta' darba u wara jintrema.

S'issa il-kondoms huma l-uniku mezz propost biex il-bniedem inaqqas ir-riskju tal-*HIV* minn attività sesswali, meta n-numru ta' persuni li huma *HIV positive* qegħed dejjem jikber. Fl-Amerika s-sitwazzjoni hija gravi u huwa stmat li wieħed minn kull ħamsin żagħżugħ huwa nfettat. Dan ifisser li jekk dan l-andament jibqa' sejjer b'din ir-rata, sas-sena li qegħdin fija fl-Amerika biss ikun hemm erbatax-il miljun ruħ bil-*virus*. Il-figura globali hu maħsub li tlaħħaq l-40 miljun.

L-użu tal-kondom ma huwiex is-soluzzjoni. Jekk jintuża b'mod skorrett, it-tnaqqis tar-riskju huwa minimu. Il-materjal li huwa magħmul minnu l-kondom *(latex)* għandu ċerti pori rqaq ħafna, imma xort huma akbar mill-*virus* tal-*HIV*. Barra minn hekk hemm kondoms li ma humiex ta' kwalità tajba (per eżempju, dawk magħmula minn *lamb skin*). Trid tiżgura ruħek li fuq il-pakkett ikun hemm speċifikat li huma ttestjati u magħmula biex jagħtu l-aqwa protezzjoni. Minkejja dan kollu anke jekk huma ta' kwalità superjuri (*latex*), 1% minnhom wara perjodu ta' xahar fil-pakkett ifallu. Altru li din il- biċċa gomma elastika mhix perfetta. Għad ikollhom jiskopru kif jagħmlu kondoms mingħajr pori minn materjal differenti.

Il-marda tal-*AIDS* hija l-pesta moderna, u dak li jissejjaħ *"Safe Sex"* ma jeżistix. L-uniku mod biex tevita din il-marda huwa billi tgħix stil ta' ħajja skond il-valuri insara, mingħajr taħlit sesswali.

PMC · PAUL M. CASSAR · TOURS
FATIMA

FL-OKKAŻJONI SPEĊJALI TA' L-EWWEL DEHRA, Mid-9 sas-17 ta' Mejju
Inżuru wkoll il-belt kapitali LISBONA u LEIRA, NAZARÉ u ALCOBACA
Hotel ta' Fatima maġenb is-Santwarju. Dik ta' Lisbona fiċ-ċentru tal-belt
Tour Leader: Paul M.Cassar T. 551004
Booking miftuħ għand: J.Portelli Ent.
Tel. 247016 - 235772 - 561212/3




jikteb
Joe Bajada

# Iż-Żgħażagħ u l-Isport

L-attività sportiva b'mod partikulari dik immirata għat-tfal u ż-żgħażagħ hi importanti għalihom huwa iktar illi jieħdu sehem milli jirbħu, u din għandha dimensjoni qawwija. Firxa mhux biss sportiva iżda ukoll kulturali f'din id-dinja ta' sport, fejn tista tibda mill-familja u jkompli sejjer lejn is-soċjetà li tagħha niffurmaw parti. Il-prattika sportiva hija dritt ta' kull ċittadin, f'kull livell amministrattiv tal-ħajja. Dan l-interess fl-isport joħloq ukoll l-immaġini tal-belt jew raħal. Kulħadd għandu jagħmel ħiltu kollha biex jingħata iktar spazju għal parteċipazzjoni sportiva. Kull manifestazzjoni sportiva, tkun ta' liema dimensjoni tkun, toħloq ċertu ħsieb u organizazzjoni b'idejal speċifiku. Il-mottivi li għandhom jimbuttaw lit-tfal u ż-żgħażagħ għall-isport għandhom dejjem jiġu inkurraġiti ferm iktar u tkun ħasra jekk dawn il-kunċetti jiġu abbandunati jew kważi.

Is-soċjetà attwali fid-diversifikazzjoni kumplessiva tal-valuri tagħha, qed tkun dejjem iktar ikkaraterizzata għal riflessjoni iktar preċiża ta' tliet temi importanti, li huma ż-żgħażagħ, l-iskola, u l-isport. L-istimolu l-iktar importanti għall-imbuttatura lejn l-isport għandu jinvolvi lis-soċjetà kollha. B'dan l-eżempju bosta tfal u żgħażagħ ikomplu l-ħidma tagħhom għal iktar identifikazzjoni u addattament fl-isport. It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom bżonn ta' sapport validu u kontinwu biex huma stess iħossu l-importanza tal-isport fil-ħajja tagħhom. Jekk huma ma jsibux dan l-appoġġ probabilment jaqtgħu qalbhom ma l-ewwel tfixkil li jsibu, b'detriment li jabbandunaw din l-attività sportiva. Tkun ħasra jekk dawn it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jgħaddu minn xi illużjoni li jaħarbu mill-isport għax il-molla tal-abbandun tkun tant qawwija li kapaċi tapprofitta min nuqqas ta' sigurezza li huma jgħaddu minnha.

Għandha tittieħed kull kunsiderazzjoni tal-motivazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ fl-isport, bħal kull karatteristika u inklinazzjoni, bħal kull impenn speċifiku, kif ukoll kull interpretazzjoni tagħhom u fuq kollox il-kawża għalfejn uħud iżommu 'l bogħod mill-isport jew li jitbiegħdu wara perijodu ta' xi attività li tkun ikkrejat ċertu strapazz jew diżappunt. Għandha tingħata kull importanza xierqa lejn l-istruttura u l-attrezzaturi sportivi fl-iskejjel.

Diversi konsiderazzjonijiet oħra għandhom jiġu analiżżati, bħad-disponibilità tal-għalliema u tal-*coaches*. Għandhom jinżammu f'moħħ min jamministra l-isport l-importanza ta' parteċipazzjoni



kumplessiva, kif ukoll li l-ġenituri għandhom jibqgħu juru nteress f'ċerta burokrazija li teżisti f'ċerti skejjel fir-rigward ta' attivitajiet u prattika sportiva.

Tkun attivita' sportiva b'mod li din l-istess attività taljena mill-problemi tal-ħajja. Huwa opportun ħafna li bħala amministraturi u adulti ngħinu għal identifikazzjoni u għażla għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Huwa mportanti ukoll l-aspett ta' komunikazzjoni mill-aspett strutturali tal-grupp lifih it-tfal ikunu qed jipprattikaw xi attività sportiva. Dawn l-istrutturi ta' djalogu jridu jinvolvu lil kull individwu biex jintegra iktar malajr fis-sistema u l-prattika.

Biex dan kollu li għidna jiffunzjona bl-aħjar mod possibbli, hemm bżonn tal-volontarjat li huwa ferm fundamentali minn dan l-aspett. Hemm ħtieġa oħra tad-deċentrament ta' l-organizazzjoni sportiva fuq kull livell u dawk li huma kundizzjonijiet tat-tmexxija għandhom jitħaddmu bi trankwilità. Irid jinħoloq mekkaniżmu għal disponibilità iktar wiesa b'enfasi fuq il-volontarjat, li hemm bżonn li dan l-aspett jibqa' l-punt ta' forza tal-organizazzjoni, kemm f'termini kreattivi kif ukoll f'dik parteċipattiva. Għandu bżonn li jsir monitjar aħjar tat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna biex jingħataw id-direzzjoni t-tajba dwar liema tip ta' sport huma nklinati għalih.

Fl'aħħarnett, huwa imporanti li kulħadd iżomm f'moħħu kif għandu jdaħħal f'moħħ iż-żgħar tagħna li l-attivitajiet sportivi u l-esiġenzi li wieħed jipparteċipa fihom huma essenzjali, mhux biss mill-asptett spettakulari iżda ukoll għal funzjonijiet komplessi. Fuq kollox, hemm bżonn li ngħallmu iktar li l-isport huwa edukazzjoni u formazzjoni tal-karattru li jikkontribwixxi għal cittadini aħjar u li jagħti dinjità lill-poplu, b'għajnuna ukoll għall-iżvilupp soċjali, morali, u ekonomiku ta' pajjiżna.





# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

✧ **Taż- Żimbabwe jisparaw lill-President b'kanun!** F'dawn l-aħħar ġimgħat waħda mill-aktar *websites* popolari fiż- Żimbabwe kienet qed toffri faċilità lil min jidħol fiha biex jaqta xewqa personali! Hekk kif tidħol fil-*website* kont tista' tara kanun tal-gwerra, u ħiereg minn ġo fiħ ħadd ħlief il-President Robert Mugabe, ikkritikat minn ħafna għall-aġir tiegħu ma dawk li ma' jaqblux miegħu. Il-gost kollu hu f'li tispara lill-President mill-kanun billi tikklikkja buttuna u titfgħu fuq stampa oħra li tirrapreżenta lill-Qorti. Il-biċċa l-kurjuża hi li daħlu għexieren ta' eluf ta' nies biex jgħaddu minn din l-esperjenza li tispara għal president u ma tiġix proċessat!

✧ ***Postcard* tinbiegħ bi prezz rekord.** Dik li hija kkunsidrata bħala l-eqdem *postcard* fid-dinja, inbiegħet għal aktar minn 31,000 lira sterlina f'irkant li sar fl-aħħar ġimgħat. L-istoriku Edward Proud għadda l-*postcard* lil Eugene Gomberg, kollezzjonista mil-Latvija. Jingħad li din il-postcard tpittret bl-idejn fl-1840.

✧ **Ġemel selvaġġ iterraq fl-Irlanda.** Sewwieqa Irlandiżi ġew mgħarrfa mill-assoċjazzjoni tagħhom li hemm periklu ġdid fit-toroq ta' Offaly. Jingħad li kien hemm bosta nies li raw ġemel selvaġġ jiġri waħdu f'dawn l-inħawi. Għalkemm f'dan il-post ġieli jkun hemm xi ċirku, ħadd ma rrapporta li ħarab ġemel!

✧ **Xwejjaħ jaqa' minn *glider*.** Raġel ta' 76 sena mill-Ingilterra ħelisha ħafif fl-aħħar ġimgħat meta waqa minn *glider* fi Stockport. Il-*gliding* huwa l-passatemp ta' Ron Farnell. Madankollu jidher li ser ikollu jsib passatemp ġdid meta seta tilef ħajtu f'dan l-inċident. Farnell għamel 15-il sekonda nieżel *freefall* qabel ma nfetħet il-*parachute* tiegħu u salva fil-ħin. Kienet għadha ma waslitlux l-aħħar waħda!





## TERĠA TITWIELED ! 2050 SENA WARA!

Le, mhux xi tarbija, imma l-Biblijoteka storika u famuża ta' Alessandria fl-Eġittu. Il-biblijoteka antika, li kellha 700,000 rombli tal-papirus b'ktiba letterarja u filosofika, kienet inqerdet bin-nirien fis-sena 480 Q.K. Fuq l-istess post tagħha, issa reġgħet telgħet ġdida u moderna, bi 11 il-pjan fuq 160 diametru ta' art, u ser tiġi nawgurata fit- 23 ta' dan ix-xahar.



The Photo Shop
1 hr Photos
135 - APS - Digital
Fortunato Mizzi Street
Victoria, Gozo
Tel. 563 403 / 557 555
e-mail: kaiser@maltanet.net
Your Special Occassions
Photos & Video
with a difference ......
a reason to smile !!
Sole Agents & Distributors
for:
Novo Modo Albums
Velbon Tripods
Mogetta Argenti
Lupo Studio Lights
Night Owl Optics

PEG PUBLICATIONS

**Edizzjoni mill-isbaħ ta' Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd**




- 80 paġna, illustrat bil-kulur
- 290 x 205; Hard Bound

**Ktieb b'aktar min skop wieħed:**

- **Ktieb għall-qari mill-istudenti tal-5 u s-6 Klassijiet ta' l-iskejjel Primarji u l-1 sat-3 sena ta' l-iskejjel sekondarji.**
- **Rigal eċċellenti mit-tfal għat-tfal f'okkażjonijiet bħal Preċett, Griżma u oħrajn.**
- **Ktieb li għandu jkun fil-librerija ta' kull tifel u tifla.**

Dan il-ktieb **ĦAREĠ** u jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba ewlenin.
Għal aktar tagħrif ċemplu fuq Tel: 490540 / 449043
E.mail: contact@peg.com.mt Home page: http://www.peg.com.mt